MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.

## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tas-27 ta' Mejju, 2015

Avviz Numru. 242/2013

**Vella Group Limited**

**vs**

**L-Awtorita' ghat-Trasport f'Malta**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ipprezentat fir-Registru ta' din il-Qorti nhar it-22 ta' Awwissu 2013, permezz ta' liema l-kumpanija attrici talbet lill-Qorti tikkundanna lis-

socjeta' konvenuta thallasha s-somma ta' ghaxart elef tlett mija u tnejn u ghoxrin ewro u sebgha u erbghin ewro centezmi (€10,322.47) bilanc minn somma akbar ta' mija sebgha u sebghin elf, mija u seba' ewro u disgha u tletin ewro centezmi (€177,107.39) dovuta ghal xoghol ta' tqattiegh u tahmil li sar f'Settembru tas-sena 2007 mill-attrici fuq inkarigu taghhom stess (Dok anness u mmarkat bhala Dok A).

Illi minkejja diversi interpellazzjonijiet ghal hlas, baqghu inadempjenti u ghaldaqstant il-kumpanija attrici qieghda titlob il-hlas tal-bilanc hawn fuq imsemmi u l-imghaxijiet legali skond il-Kodici tal-Kummerc sal-jum tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittri legali datati 18 ta' Gunju 2012 u 22 ta' Ottubru 2012, kif ukoll tal-ittra ufficjali ai termini tal-Artikolu 166A tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta bin-numru 1550/2013 u datata 8 ta' Lulju 2013.

Rat ir-risposta tal-Awtorita' ghat-Trasport f'Malta li giet prezentata fit-2 ta' Ottubru, 2013 fejn eccepiet:

*"Illi t-talba attrici ghandha tigi michuda bl-ispejjez a bazi tas-segwenti ragunijiet:*

1. *Illi preliminarjament, u skont l-Artikoli tal-Kapitolu 499 tal-Ligijiet ta' Malta, isem l-Awtorita' intimata ghandu jaqra "l-Awtorita' ghat-*

*Trasport f'Malta" u ghalhekk l-Awtorita' intimata qieghda tipprezenta din ir-risposta bhala "l-Awtorita' ghat-Trasport f'Malta";*

2. *Illi preliminarjament ukoll, minghajr pregudizzju ghas-suespost, u skont il-klawsola numru 4.15 tal-"Period Contract for Road Works Agreement" kopja ta' liema qieghda tigi hawn annessa bhala "Dok A1", din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex gurisdizzjoni sabiex tisma u tiddecieda dan il-kaz stante qbil bejn il-partijiet illi kwalunkwe vertenza relatata mal-istess ftehim ghandha tigi kunsidrata u deciza biss mic-Centru dwar l-Arbitragg ta' Malta;*
3. *Illi fil-mertu, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-ebda ammont m'hu dovut stante l-istess attrici naqqset mill-obbligi kuntrattwali taghha kif jigi pruvat f'aktar dettall waqt is-smiegh tal-kawza, u kif ser jigi spjegat fil-qosor:*

3.1. *L-attrici iffirmat ftehim mal-Awtorita' intimate ["Period Contract for Road Works Agreement"] skont liema hija kellha tibda u tittermina diversi xoghlijiet fuq l-"ambulance lane" gewwa l-isptar "Mater Dei", fi Triq De Piro, Birkirkara u fi Triq Madonna tal-Gebla, il-Gzira u dan, fi zmien erbatax [14] il-gimgha minn meta nghatat l-ordni sabiex tibda x-xoghlijiet skont ittra tat-18 ta' Settembru, 2007 [kopja tal-ftehim annessa bhala "Dok A1" u tal-ittra annessa bhala "Dok A2"];*

3.2. *L-attrici naqqset f'li tirrispetta l-obbligi kuntrattwali taghha u tlesti x-xoghlijiet minnha rikjesti fit-terminu lilha koncess u dan ghal-ragunijiet unikament imputabbli lillha nkluz minhabba telf kunsiderevoli ta' zmien u xoghol maghmul mhux skont is-sengha u l-arti illi kellu jerga' jinqala u jinbeda f'aktar minn okkazjoni wahda kif anke ammess mid-dirigenti tal-attrici nfisha [ara email datat 3 ta' April, 2008 immarkata bhala "Dok B1" u ohra datata 8 ta' April, 2008 u mmarkata "Dok B2"];*

*3.3. B'hekk skattaw il-'penalty clauses' applikabbli fil-konfront tal-attrici f'kaz ta' dewmien u dan, wara li gie lilha mgharraf illi l-istess klawsoli kienu ser jigu applikati mill-Awtorita' intimata b'rizultat tan-nuqqasijiet taghha [ara, inter alia, email datata s-7 ta' Jannar, 2008 immarkata bhala "Dok C", email datata t-3 ta' April, 2008 inkluza mad-dokument "Dok D", "Dok E" u "Dok F"];*

*4. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, u fi kwalunkwe kaz, l-ammonti edotti fl-avviz tal-attrici huma ezagerati u mhux korretti kif anke jirrizulta mill-ittra tal-Awtorita' intimata tad-9 ta' April, 2012 ["Dok G"];*

*5. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.*

*Bl-ispejjez."*

**John Mary sive Jimmy Vella** xehed fit-8 ta' Jannar 2014 fejn iddikjara li huwa d-direttur tas-socjeta' attrici liema socjeta' tahdem fuq xoghol ta' kostruzzjoni. Huwa spjega li l-ADT kienet harget tender fejn kellhom jaghmlu xi xoghol fi tlett toroq zghar u effettivament inghataw dan it-tender. Effettivament kienu bdew jaghmlu xi xoghlijiet fuq it-triq ta' Mater Dei u qalet li kellhom jahdmu minn Mater Dei Birkirkara sa Birkirkara u proprju f'dik il-parti fejn hemm il-kamra mortwarja, bicca ohra tat-triq gewwa l-Gzira u ohra Birkirkara. Huma effettivament bdew xoghol fi triq wahda, spiccawha u mbaghad bdew ohra, spiccaw u ghamlu t-tielet wahda u spiccawha. Fit-tender kien hemm prezz globali pero' mbaghad ikun hemm pagament extra ghax-xoghlijiet li jinqalghu taht l-art u hadd ma jkun jaf bihom minn qabel.

Ix-xhud ikkonferma li skond il-*letter of acceptance* tat-tender esebit fl-atti a fol 40 ix-xoghol kellu jitlesta fi zmien erbatax-il gimgha pero' in segwitu kien hemm xi xoghlijiet taht l-art li hadd ma kien jaf bihom. Huwa tenna li peress li l-ADT stess ma tathomx permess biex jifthu tlett toroq fl-istess zmien huma eccedew iz-zmien moghti lilhom, pero' kien hemm korrespondenza bejn l-ADT u s-socjeta' taghhom dwar dan id-dewmien. L-importanza kienet l-aktar li jibdew bix-xogholijiet ta' Mater Dei u filfatt hekk bdew.

Huwa stqarr li kienu waqghu lura bix-xoghol ta' Mater Dei minhabba li kien hemm xi problemi dwar il-livelli tat-triq. Kien hemm ukoll xi tibdil fil-pjanti u kien hemm xi xoghlijiet rigwardanti tibdil jew caqliq ta' cables u ghalhekk kellhom jistennew xi rapprezentanti tal-ADT stess. Ix-xhud tenna li kien hemm diversi okkazjonijiet meta huma ma setghux ikomplu bix-xoghlijiet taghhom Mater Dei minhabba l-agir propju tal-ADT. Huwa sostna li waqt li x-xoghol kien qed isir jaf ukoll li kienu talbuhom biex izidu extras, per ezempju jzidu l-lights fit-triq. Huma kellhom ukoll inehhu xi blokok minn Mater Dei u dan ma setghux jaghmluh qabel ma jaghtuh l-awtorita' huma stess. Dan sabiex ikunu jistghu jghaddu tal-Ambulanza. Ghalhekk dan id-dewmien kollu kien attribwit lill-istess socjeta' konvenuta. Filfatt kien hemm anke kwistjoni meta huma jiktbu mill-ufficcju taghhom sabiex jigu jnehhu xi *cables* u jdumu xi erbat ijiem jistennew biex dawn jitnehhew. Filfatt dawn it-talbiet taghhom jinsabu kollha inseriti fid-dokumenti li gew esebiti fl-atti tan-nota. Ix-xhud semma bhala ezempju wkoll kif rapprezentanti tal-Mepa kienu jdumu xi tlett ijiem sabiex jaghtuhom il-livell minhabba xi qlib tal-ilma.

Huwa spjega li meta bdew bix-xoghlijiet taghhom Birkirkara kien hemm xi problemi. Hemmhekk Birkirkara kien hemm xi sigar kbar tal-harrub u ma

setghux jaqbdu u jaqtawhom u kien hemm xi argumenti dwar xi nies li kellhom l-ghelieqi taghhom fl-inhawi. Filfatt kienu bidlu l-livelli xi tliet darbiet u kull darba kellhom jistennew xi gimgha sakemm jigu l-livelli t-tajbin. Huwa stqarr li kien hemm diversi jiem bil-maltemp u ghalhekk ix-xoghlijiet ma setghux isiru.

Ix-xhud spjega li fil-problemi tat-triq li kellha ssir gewwa l-Gzira kien hemm ukoll problemi. Kien hemm xi *cables* li kellhom jimxu minn fuq bankina ghal ohra u kellu jsir xi main. Ghalhekk kellhom jistennew xi gimgha biex jigu jaghmlu l-*pressure washer* ghal dan il-main tal-ilma gdid. Kellhom jistennew ukoll ghal xi rapprezentant mid-Dipartiment tas-Sanita' peress li l-ilma ma kienx ghadda mit-test tal-clorine u ghalhekk in-nies tad-Dipartiment tal-Water Services damu biex jigu wkoll. Ix-xhud sostna li gieli l-Water Services ma kellhomx nies biex jaghmlu dan it-*tappings* fuq il-main u ghalhekk ix-xoghol ma setghax jitkompla. Huwa jiftakar li l-Gzira kien hemm resident li kellu basement fil-font u kien talabhom permess biex jaghmel xi dranagg ta' xi 30 metru u dan talab biex jghaddi d-dranagg minn fuqhom u ghalhekk kellhom jieqfu mix-xoghlijiet. Lix-xhud qatt ma qalulu li kienu ser izommulu parti mill-flus dovuti lilu bhala penali.

Huwa ddikjara li l-Awtorita' kienet naqsitlu xi somma flus minhabba xi *accident* li kien gara Mater Dei pero' qatt ma kien gie nfurmat fuq dan l-*accident*. Huwa jaf li fuq il-post kien hemm kuntrattur iehor li kien qed jahdem u huwa kien qed jghaddi l-*lights*. Ix-xhud kien talabhom ir-rapport tal-pulizija ghax filfatt huma ghandhom l-*insurance* meta kienu jahdmu pero' ma tawhomx. Huwa jaf li meta marru jkejlu, ir-rapprezentant tal-ADT u r-rapprezentant mill-kumpanija taghhom kienet harget il-*quantity of bill*.

Huwa sostna li kien is-sid tat-triq li nfurmawh li kienu ser jaqtghulu somma flus fl-ahhar. Huwa talabhom spjegazzjoni ghal dan il-qtugh u ghall-ewwel semmewlu l-*accident* pero’ qatt ma tawh dettalji dwar dan l-*accident*. Huwa jiftakar li meta huwa kien tkellem mal-perita Conti di Noto, kienet qaltlu li d-decizjoni biex tinqata’ din is-somma flus ma kienitx taghha izda tad-direttur Paul Buhagiar li effettivament kien spicca bhala direttur.

**Il-Perit Antoinette Conti** xehdet fit-12 ta’ Frar, 2014 fejn iddikjarat li hija tahdem bhala perit ma’ Transport Malta. Fiz-zmien meta sar dan ix-xoghol in kwistjoni, hija kienet tokkupa l-kariga ta’ *assistant manager* gewwa r-*residential unit* u ghalhekk kienet il-perita *in charge* ta’ dan ix-xoghol. Hija spjegat li qabel ma kien hareg il-kuntratt, huma kienu nfurmaw lill-MEPA sabiex jaghtuhom il-livelli tas-sit in kwistjoni. Il-kuntratt in kwistjoni kien jinkludi tliet toroq, Triq il-Madonna tal-Gebla, Gzira, Triq Depiro, Birkirkara u Mater Dei Ambulance Lane. Il-perit spjegat li f’dan il-kaz ma kellhomx bzonn informazzjoni minghand il-Mepa dwar il-livelli ghal Mater Dei Ambulance Lane. Huma jkunu baghtu wkoll *co-ordination letter* lill-entitajiet koncernati sabiex dawn ikunu nfurmati li x-xoghol ikun ser jibqa’ f’dawn it-toroq u sabiex jekk dawn ikollhom bzonn xi xoghol f’dawn it-toroq, dawn jaghmlu kuntatt mal-kuntrattur taghhom u x-xoghol isir darba. Filfatt huma kienu nfurmaw lill-Water Services u l-Enemalta li huma entitajiet tal-Gvern sabiex jinfurmawhom bix-xoghlijiet li jkollhom bzonn. Fil-kaz tal-Go, Melita u l-Vodafone dawn huma entitajiet privati u jekk il-kuntrattur ikollu bzonn jaghmel xi xoghol ghalihom dak kellu jiftiehem maghhom apparti. Meta l-kuntrattur japplika biex jaghmel dawn ix-xogholijiet, din tkun responsabilita’ tieghu sabiex jinforma lill-entitajiet sabiex dawn jigu biex jaghmlu d-*dedection* u dan sabiex meta jkun qieghed jahdem ma jolqotx cables.

Ix-xhud iddikjarat illi mhux minnu dak li qieghed jghid John Mary Vella li huma ma tawhx l-informazzjoni rikjesta minnu, ghax meta huwa talabhom informazzjoni bl-email huma wegbuh minnufih, kif jistghu jindikaw l-emails necessarji u meta huwa talabhom xi nformazzjoni permezz ta' fax, l-aktar li damu kien erbat ijiem, u cioe' mill-Hamis filghaxija sat-Tnejn ta' wara filghodu. Pero' hafna *requests* saru waqt *site meetings*. Huwa tenna li l-*acceptance letter* harget fix-xahar ta' Settembru u l-*instructions start works* saru fit-18 ta' Settembru 2007. Fix-xahar ta' Ottubru 2007, is-socjeta' attrici kienet baghtet erba' faxes 8th, 10th, 12th u 15th u huma wegbuhom kollha permezz ta' fax fis-16 ta' Ottubru. Jidher car minn ezami ta' din l-istess fax taghhom li fiz-zmien in kwistjoni huma ma kienux qeghdin jinjoraw ir-requests tas-sur Vella, izda sahansitra kienu jmorru jitkellmu mieghu fuq is-sit. Ghalhekk, ghalkemm ma wiegbuhx ghal fax bil-miktub, huma kienu ndirizzaw ir-requests tieghu *on site*. Fil-fatt spjegat li dawn il-faxes li semmiet kienu *requests for payment* minhabba *variations* li saru. Kien hemm miktub car ukoll li fil-fax taghhom tas-16 ta' Ottubru 2007, li parti mix-xoghol li kien qieghed jaghmel is-sur Vella, huma kellhom il-problemi dwaru, u kellu jirrangahom.

Saritilha referenza ghal dokument inserit fl-atti u mmarkat bhala dokument VGL3 li hu propju fax datata 15 ta' Ottubru 2007. Hija spjegat li x-xoghol ta' Mater Dei kien diga beda' gewwa Ambulance Lane. Fil-fatt din il-fax kienu wegbuha l-ghada. Hija tiftakar li kienu ltaqghu mas-sur Vella *on site* u fil-meeting li kellha mieghu, kien hemm xi affarijiet on site li ma kienux tajba u kellu jirrangahom. Skont din il-fax kellu jieqaf mill-15 sa 16 meta marru fuq il-post. Hija ddikjarat li tant huwa minnu dak li qed tghid li effettivament kien diga' beda bix-xoghol, li kien diga beda jaghmel il-*claim* ghall-hlas. Fil-fatt fir-risposta tieghu ta' 16, hija qaltlu li ma kellu l-ebda problema li jsiru

certu hlasijiet dwar certu *payments* u kellu jitkellem mal-*quantity surveyor* taghhom. Fil-fatt din il-fax hija ndirizzat lill-*quantitiy surveyor* taghhom certu Mr Salvu Gallo.

Rigward il-fax datata 22 ta' Novembru, ix-xhud qalet li l-informazzjoni dwar it-*traffic lights* kienet diga ndikata fil-pjanta. Hija kienet diga wegbitu permezz ta' email datata 12 ta' Novembru 2007. Il-perita esebiet kopja tar-risposta taghhom li giet immarkata mill-qorti bhala Dokument PC. Hija spjegat li huma kienu talbu lill-MEPA fis-17 ta' Awwissu 2007 sabiex jaghtuhom il-livelli tat-triq, pero' ma tafx meta tawhom il-livelli ezatt *on site*, pero' normalment il-MEPA jigu fi zmien ragjonevoli. Hija esebiet kopja taghhom, li ghamlu lill-MEPA u li giet immarkata mill-qorti bhala dokument PC1. Giet murija dokument VGL16 esebit f'dawn l-atti u qalet li l-MEPA ma kellhomx jaghtuhom livelli dwar l-Ambulance Lane ta' Mater Dei, u dan ghax din ma hijiex triq residenzjali u l-MEPA tidhol biss fejn hemm it-toroq residenzjali. F'dan il-kaz il-livelli hargu minn Transport Malta u f'dan il-kaz konvenjentament flok il-kuntrattur gab is-surveyor tieghu, huwa uza s-surveyor taghhom. Fil-fatt hemm emails mahruga mill-perit taghhom li dak iz-zmien kien certu Paul Buhagiar, fejn fil-fatt attiraw l-attenzjoni tieghu li anke s-servizz tas-surveyor kien qieghed jinghata lilu b'xejn, din l-istess komunikazzjoni giet immarkata mill-qorti bhala dokument PC2 mibghuta mill-perit Paul Buhagiar.

Il-Perit sostniet li x-xoghol inqala' Mater Dei Ambulance Lane mhux ghax il-livelli kienu hziena, izda ghax ix-xoghol li sar mill-kuntrattur kien hazin, u fil-fatt qalghawlu x-xoghol ghal darba, tnejn u mhux minhabba l-livelli. Saritilha referenza ghal dokument VGL21 li qieghed b'referenza ghat-triq li saret

Mons Depiro, Birkirkara datata Ottubru 2007. Dik l-informazzjoni li talbu, kellu jgibha hu mhux huma, fil-fatt il-kuntrattur kien li ghamel il-*co-ordination* mas-servizzi u mal-entitajiet differenti u mhux huma. Fil-fatt jaf li ghamel certu kordinazzjoni ma' certu servizzi, naturalment imbaghad sta ghalih sabiex isegwihom. Hija spjegat ukoll illi huma hargu l-*order of works* fis-26 ta' Settembru 2007, pero' ghandu korrespondenza li turi li effettivament il-kuntrattur kien talab xi nformazzjoni minghand l-entitajiet tas-serivzzi hafna wara din l-istess data. Esebiet l-*order of works* relattiva ghal dan il-kaz li giet immarkata mill-qorti bhala dokument PC3. Saritilha referenza ghal dokument VGL23 datat Jannar 2008 fejn hemm indikat li l-MEPA kienet ghadha ma rcevitx xi r-requests. Huma kienu ghamu t-talba taghhom fis-17 ta' Awwissu 2007 u filfatt diga esebew kopja taghha, kif jidher mid-dokument PC1. Hija ma tafx ma' min tkellem il-kuntrattur gewwa l-MEPA, li taf huwa li huma ghamlu t-talba taghhom fis-17 ta' Awwissu 2007. Din l-ittra hija wkoll indirizzata xi erba' xhur wara li kienet harget l-*order of works*, u jista' jkun li ghalhekk il-MEPA kienet pingiet il-livelli mal-hajt u dawn thassru. Naturalment huwa mhux il-kompitu tieghu li jitkellem ghan-nom tal-MEPA. Hija sostniet illi zgur li hemm korrespondenza minn naha taghhom li effettivament infurmawh li kienu tkellmu mal-MEPA.

Ix-xhud saritilha referenza ghal klawsola numru 12 sub inciz 2 tal-kuntratt esebit fl-atti u mmarkat bhala dokument A1 liema klawsola tinsab propju a fol 23 tal-process. Mistoqsi jekk is-sur Vella kienx mexa propju ma' din il-klawsola in vista tal-korrespondenza li ghadha kif xehdet dwarha, wiegbet li iva effettivament is-sur Vella mexa ma' din il-klawsola. Meta huma kkalkulaw il-*penalties of delay* u huma hadu in konsiderazzjoni dan id-dewmien. Mistoqsi biex tesebixxi kif effettivament hadmu dawn il-penalties, hija esebiet dokument li l-qorti mmarkat bhala dokument PC4. Dawn huma

l-minuti tal-fajl taghhom minute 119 u minute 133. Skont il-kuntratt, il-kuntrattur huwa suggett ghal wiehed fil-mija penali fuq ix-xoghol li ma jkunx tlesta fid-*date of completion*. Il-klawsola li tirreferi ghal penali hija 4.13.1 li tinsab a fol 16 tal-process. Hija kkalkulat li effettivament il-kuntrattur kellu jibda x-xogholijiet 26 ta' Settembru 2007, kellu durata ta' 14-il gimgha u ghalhekk il-*completion* kellha tkun fl-ewwel gimgha ta' Jannar 2008. Fil-fatt lesta l-ahhar triq fit-tarmak li hija Triq Madonna tal-Gebla, Gzira fl-20 ta' Mejju 2008. Hawnhekk hija mhux qed tiehu in konsiderazzjoni li sa Lulju 2008, il-kuntrattur kien ghadu qieghed jaghmel ir-*remedial works*, billi qalghu l-asfalt il-hazin u ghamlu x-xoghol mill-gdid, u ghalhekk minn Jannar sa Mejju kien hemm dewmien ta' ghoxrin gimgha. Minnhom naqqset gimghatejn allowance ghax-xogholijiet tal-Water Services Corporation li originarjament ma kienux fit-tender. Hija hadet in consideration ukoll gimghatejn shutdown ghalkemm ma kelliex ghalfejn taghmel hekk, kif ukoll erba' gimghat peress li kien hemm xi *variations* jew *change orders* fil-lane tal-ambulance. Ghalhekk hadmitha fuq tnax-il gimgha times l-ammont tax-xoghol li kien ghadu ma lestiex. Hija hadet in kunsiderazzjoni l-value tal-flus dovuti mill-ewwel gimgha ta' Jannar sa' 20 ta' Mejju 2008, jigifieri l-kalkoli tal-one per cent saret fuq xi €89,000. Mhux minnu dak li gie allegat lilu mill-avukat tal-kuntrattur li hija ma haditx in kunsiderazzjoni l-kommunikazzjoni li saret mill-kuntrattur fuq xi kwistjonijiet li kellu. Tant u hekk li naqqsitlu erba' gimghat mill-ghoxrin gimgha li kellu *delay.*

Mistoqsi jekk huma hadux in kunsiderazzjoni l-fatt li dak iz-zmien kien hemm hafna xita wiegbet li x-xita kollha li nizlet wara Jannar ma kellhiex taffetwa l-kuntratt taghhom, ghax dawk fil-fatt kienu delays tal-istess kuntrattur, ghalhekk zgur mhux ser tehodhom in kunsiderazzjoni u qalet li kien hemm diversi granet meta kienet ix-xemx u l-kuntrattur ma kienx on

site. Dan minn kif jirrizulta mill-field officer report li huma kienu jigbru *on a day to day basis*, u li ser jigi prezentat minnhom aktar tard. Hija esebiet kopja ta' dawn il-field officer reports, li l-qorti mmarkat bhala dokument PC4. Mistoqsi tispjega x'inhi l-kwistjoni dwar l-accidents, wiegbet li waqt li kien qed isir xi xoghol gewwa San Gwann, li kienet relatata mal-Ambulance Lane ta' Mater Dei l-kuntrattur halla t-trinek bla re-instatement u ghalhekk minghajr asfalt, kien hemm xi karozzi li dahlu f'dawn it-trinek u kissru l-karozza. Huma fil-fatt hallsu lil dawn in-nies ghax fil-fehma taghhom kellhom ragun u dawn naqqsuhom mill-*balance due* lill-kuntrattur, u naturalment ghandu l-emails u esebiet kopja ta' dawn l-emails minghand l-individwi li l-qorti mmarkat komplessivament bhala dokument PC5 li juru ritratti tat-trinka. Plus hekk esebiet korrespondenza minn naha taghhom fejn qed jitolbu lill-kuntrattur biex jaghmel re-enstatement fuq din it-trinka ghal aktar minn darba, ghax fil-fatt il-kuntrattur stess kien jghid li issa kien ghamel il-*proper re-enstatement* u fil-21 ta' April 2008 huma kienu baghatulu fax fejn infurmawh li sa dakinhar kien ghadu ma ghamlux il-*proper re-enstatement* tat-trinka. Din giet immarkata mill-qorti bhala Dokument PC6.

**Il-Perit Antoinette Conti** xehdet nhar is-26 ta' Frar 2014 u kkonfermat li kull darba li l-kuntrattur kitbilhom kienu wegbuh u naturalment meta kien jaghmlilhom xi talbiet orali huma kienu jwegbuh telefonikament ukoll. Esebiet kopji tar-risposti li baghtet Transport Malta ghad-domandi tas-socjeta' attrici. Dawn gew komplessivament immarkati bhala dokument TM. Tghid li kien hemm rapprezentanza ta' Transport Malta b'mod regolari *on site* u naturalment kienu jaghtu certu direzzjoni waqt li jkunu *on site.* Tghid li meta huma jmorru jaghmlu t-triq huma jibnu dik il-bicca li tkun iffurmata u ghalhekk una volta tkun iffurmata din tkun giet biex tintuza mill-pubbliku.

Ghalhekk kwistjonijiet ma’ terzi f’dak l-istadju ma jkunx hemm. Fit-triq ta’ Birkirkara verament kien hemm sigra wahda tal-harrub li kienet fit-tarf tat-triq u kienet propju f’dik il-parti li ma kienetx ghadha ffurmata u huma ghalhekk dawru din is-sigra b’cint. Ma tawx lill-kuntrattur istruzzjoni biex jidhol mas-sigra.

Mistoqsija jekk kienx hemm kuntratturi ohra fuq is-siti in kwistjoni tghid li fuq is-site ta’ Mater Dei kien hemm MSD Garage li huma tal-garaxx tal-Gvern u li huma *electricians*. Hija spjegat illi x-xoghol taghhom kien, sabiex wara li l-kuntrattur ilesti il-pajpijiet minn taht huma jghaddu l-cables tad-dawl. Fuq it-toroq l-ohra ma jidhirlhiex li kien hemm xi kuntratturi ohra. Naturalment ghalhekk ix-xoghol tal-MSD kellu jistenna li jitlesta l-ewwel ix-xoghol tas-socjeta’ attrici. Tghid li fil-fatt il-kuntrattur seta’ jibda x-xoghol fuq it-tlett siti fl-istess hin ghalkemm insistew li x-xoghol ta’ Mater Dei kellu jibda mill-ewwel. Pero’ ma kienx gie impedut milli jaghmel xoghol iehor, ghax kieku ried seta’ jahdem fis-siti l-ohra fl-istess zmien.

Fil-fatt kien hemm korrespondenza minn naha taghhom fejn indikawa lill-kuntrattur li kien ghadu ma bediex jaghmel ix-xoghol fuq is-siti l-ohrajn, ghalkemm kien beda bix-xoghol ta’ Mater Dei. Fil-fatt kif diga xehdet fix-xhieda taghha precedenti kien hemm okkazjonijiet meta huma kienu taw struzzjonijiet lill-kuntrattur sabiex jaqla’ certu xoghol li kien gia ghamel. Fil-fatt ghandha korrespondenza f’dan ir-rigward li giet esebita u markata bhala Dokument TM1. Tghid li x-xoghol kollu li ghamel il-kuntrattur kien johrog minn xi parti jew ohra ta’ dokument li l-kuntrattur kien iffirma mal-Awtorita’.

Ix-xhud spjegat li dwar l-asfalt kulurit ta' Mater Dei din ir-rikjesta kienet saret fid-drawings, u dawn huma d-drawings originali. Esbiet kopja ta' dawn id-drawings li gew immarkati bhala dokument TM2. Hija qalet li bhala asfalt ahdar fil-Bill ma tidhirx pero' naturalment din hija ndikata hekk fil-pjanta annesa mal-bill, u dan ghaliex il-bill in kwistjoni kien *period contract.* Fil-fatt kienu staqsew lill-kuntrattur jekk kienx interessat li jaghmel din il-bicca asfalt hadra u huwa kien wera l-interess li jaghmilha. Mistoqsija jekk effettivament il-kuntrattur kienx ra s-site in kwistjoni qabel ma ffirma l-*period contract* tghid li ma tkunx taf, pero' dawn kienu available u li kieku ried setgha jarahom. Hija kkonfermat li effettivament ix-xoghol fuq l-asfalt tat-toroq kien sar b'mod tardiv, u spjegat li dan sar hekk minhabba li fil-fehma taghha kien hemm hafna drabi fejn ix-xoghol kellu jinqala' specjalment dak li jirrigwarda x-xoghol ta' Mater Dei. Il-kuntrattur dak iz-zmien kien qieghed jallega li qisu ma kienx cert fuq ir-rati, u dan ghax kien qieghed jistaqsi b'liema rati kellu jithallas.

Tghid li effettivament ir-rati kienu ndikati b'mod car fil-kuntratt, il-*period contract* u tghid ukoll li huma kienu qeghdin jitkellmu mal-FOI u fil-korrespondenza tieghu tal-kuntrattur deher car li huwa kien membru taghha u kienu nfurmawh li kien hemm rati godda u li huwa kien ser jigi nfurmat b'dan u kien ser jithallas *back dated*. Murija dokument esebit f'dawn l-atti inseriti fil-process a fol 41 sa fol 44 spjegat li d-dokument a fol 41 jikkonsisti f'email datata 3 ta' April li giet mibghuta minn Vella Group lilha, fejn hawnhekk kien qieghed jistaqsiha liema partijiet tal-asfalt kellu jaqla' biex jerga' jaghmlu mill-gdid, u dan bhala risposta ta' email taghha mibghuta lilu fl-istess jum, fejn gie nfurmat li effettivament huwa kien qieghed izomm ix-xoghol u li kien ser jigi affetwat fil-konfront tieghu l-penalitajiet. Id-dokument a fol 42 hija email ohra datata 8 ta' April 2008, din

ukoll hija email mibghuta lilha ghar-risposta ta’ email li kient baghtet anticidentament, anzi tghid li effettivament il-kuntrattur kien baghatilha email u kienet wegbitu. Il-kuntrattur kien talabha meeting *on site*, u kienet taghtu data tal-meeting u l-hin fejn kellhom jiltaqghu. Dokument a fol 43 hija email mibghuta mill-manager taghha l-Perit David Vassallo. Anzi hija kkoregiet ruhha u qalet li l-gist f’din l-email hija li kien hemm email minghandha ghal Vella Group datata 7 ta’ Jannar fejn kienet qed tigbed l-attenzjoni ta’ Vella Group fuq email mibghuta lilha fl-4 ta’ Jannar fejn huwa kien talab extension tal-permess b’sittin gurnata u kienet qaltlu li ma kellhiex oggezzjoni li l-permess jinghata pero’ fakkritu li b’hekk kien ser ifisser li kien ser johrog barra mill-parametri ta’ zmien fiss li fih kien hemm il-kuntratt, u kienet qaltlu wkoll li xoghol gewwa Birkirkara ma kienx ghadu beda.

L-ahhar dokument li gie ndikat lilha a fol 44 hija fax taghha stess, fejn qed taghmel referenza lilu ghall-Madonna tal-Gebla gewwa l-Gzira fejn infurmatu li l-FOI kienet ilha nfurmata rigward ir-rati tal-asfalt. Hija kkonfermat li fl-ahhar xhieda taghha kienet esebiet diversi rapporti ta’ surveyor ta’ Transport Malta li jinsabu inseriti fl-atti a fol 130 et segwitu, u spjegat li dawn huma rapporti tal-field officers, ghax apparti li kienet tmur kwazi kuljum *on site*, kien imur ukoll il-field officer u dan naturalment jirraporta lilha dak li huwa jsib *on site*. F’dawn ir-rapporti hemm numru sostanzjali ta’ granet fejn it-temp jindika li kien xemxi pero’ ma jkun hemm hadd mill-kuntrattur *on site*. U ghalhekk fil-fehma taghhom dakinhar il-kuntrattur seta’ jkun fuq xogholu, u jkun naqas li jaghmel dan. Hija kkalkulat il-*penalties of delay* sa Mejju pero’ effettivament huwa spicca mix-xoghol f’Lulju u ghalqu l-fajl f’Jannar ta’ wara. Qed issirilha referenza ghad-dokument PC li jinsab fl-atti a fol 101 u qalet li dak iz-zmien huma kienu

qeghdin jitkellmu fuq Traffic Lights u x-xoghol li l-kuntrattur kellu jaghmel relatat ma' Traffic Lights u qalet li ghalhekk din l-email kienet tirreferi ghad-daqs in konnessjoni max-xoghol li kellu jsir ghat-Traffic Lights, u ghalhekk il-measurments hemmhekk kienu jirreferu ghad-daqs fejn kellhom isiru dawn it-traffic lights. Esebiet kopja ta' dokument li gie mmarkat bhala dokument Z, li ghamlet referenza ghalih fix-xhieda taghha antecedenti fit-12 ta' Frar 2014 u propju dwar risposta li ghamlet referenza ghaliha fis-16. Din kellha tkun 16 ta' Ottubru 2007. B' referenza ghad-dokument PC4 indikat fix-xhieda taghha antecedenti rigwardani il-minute file u qalet li effettivament dan il-minutes file qed jigi esebit prezenzjalment u mmarkati bhala dokument Z1.

Hija spjegat li l-items originali li jkunu msemmija fil-kuntratt ikunu saru, pero' jista' jigri l-kaz li meta jkunu *on site* ikunu affarijiet li jkunu zghar, per ezempju issib xi *slabs* meta tkun qed taghmel ix-xoghol tal-GO. Hija qalet li kien hemm varjazzjonijiet, pero' l-*green asfalt* kienet varjazzjoni li talbuha lill-attur specifikament jekk xtaqx li jaghmlu u huwa kien accetta. Naturalment kif diga spjegajt ikkalkula l-varjazzjoni fil-kalkoli li ghamlet. Mistoqsija biex tindika fejn effettivament sar ix-xoghol li kellu jinqala' qalet li dawn huma ndikati fil-invoices esebiti u markati bhala dokument TM. Fil-fatt *on site* kienu qalghu l-kurduni ghaliex kienu gew *waved* u mhux dritti, qalghu wkoll hitan, hemm ukoll korresponenza fejn il-kuntrattur kien qieghed juza gebel antik meta fil-fatt kienu  ikkuntrattjawh ghal gebel gdid u hemm il-korrespondeza ukoll d'dan il-qasam, u qalet ukoll fejn kienu qalghu l-asfalt. Tghid li l-attur kien qieghed jikkontesta l-aktar ir-rati tal-asfalt. Tispjega li huma dak iz-zmien kienu jahdmu bil-*period contract* u jkun hemm rati li jkunu qed jigu revised mal-FOI. Ghalhekk huwa kien qieghed jikkontesta li ma kienx jaf ir-rati godda li kien ser jithallas ghalihom skont il-

kuntratt. Pero' hu ma jistax ma jirrispettax il-*conditions* tal-kuntratt ghax ma jkunx cert fuq ir-rati. Tghid ukoll li l-kuntrattur kellu xi kwistjoni mas-supplier tieghu. Fil-fatt ir-rati kellu jipproponihom hu, jghaddihom lil Transport Malta biex jara jekk dawn jigux accettati. Fil-fatt huwa stess kien ippropona r-rati. Meta ghamel dawn il-proponimenti, u hija kienet ghaddiethom lil QS, il-Quality Surveyor.

**Il-Perit Antoinette Conti** xehdet in kontro-ezami nhar is-7 ta' Jannar 2015 fejn iddikjarat illi meta' hija kienet qalet fis-seduta precedenti li kienet tahdem bhala *assistant manager* tghid illi xoghlha kien fuq is-sit u naturalment tirrelata lura fl-ufficcju dak li tkun rajt fuq is-sit. Hija cahdet li kienet tmur fuq is-sit biss meta' s-Sur Jimmy Vella kien jitlobha biex tmur tara xi xoghlijiet. Spjegat illi bhala Transport Malta l-procedura hi li jkun hemm *field officer* li jmur fuq is-sit kuljum u jipprepara r-*reports* li effettivament gew anki sahansitra pprezentati u l-perit li f'dan il-kaz kienet ix-xhud stess imur fuq is-sit meta' jahseb li jkun hemm bzonn kif ukoll meta' l-kuntrattur jitlob ghal visita jew assistenza taghhom. Il-Perit ikkonfermat illi hija ma kinitx tmur kuljum fuq is-sit pero' kienet tmur zgur darbtejn fil-gimgha.

Hija cahdet dak li qed jigi allegat lilha li effettivament kien hemm xi nuqqas ta' komunikazzjoni bejnha u bejn Vella Group Limited. Huwa normali li Transport Malta twiegeb u l-kuntrattur jaghmel xi telefonati. Hija giet murija dokument esebit f'dawn l-atti mmarkat bhala Dokument VGL 7, li huwa ittra Ottubru 2007. Spjegat li din l-email giet mibghuta lilha permezz ta' fax. Hija kkonfermat kif qalet precedentement illi dawk il-*various faxes* li kien baghat il-kuntrattur hija kienet indirizzathom peress li kienet ghamlet *site visits* u

sussegwentement gabret l-informazzjoni kollha mis-*site meeting* u kienet baghtet *fax* wahda sabiex l-informazzjoni tkun bil-miktub ukoll. Hija tiftakar illi l-kuntrattur kien inghata *site instructions* u dan minkejja li l-kuntrattur ma talabx *site instructions*. Huwa kien talab biss li jithallas tax-xoghol u dan ghaliex is-*site instructions* kien diga qed jaghtihomlu. Hu fil-*faxes* tieghu kien ghamel biss *claims* ghal flus u hija bhala perit fi Transport Malta naturalment ma tistax taqbad u tapprova l-flus. Il-Perita spjegat li trid tmur ghand it-tendering committee u tinfurmahom bil-*variations* li effettivament saru kif filfatt effettivament sar u dan sabiex il-kuntrattur jithallas. F'dan il-kaz il-kuntrattur thallas ukoll. B'referenza ghall-fax li saret referenza ghaliha aktar kmieni llum qal illi apparti dak il-kurdun, il-kuntrattur kellu x-xoghol iehor li seta' jkun ikompli ghaddej bih. Filfatt kienet kwistjoni minima dik indirizzata fl-email komparat max-xoghol kollu li kellu jaghmel.

Il-Perita giet murija dokumenti VGL 2 sa VGL 6. Hija stqarret illi jista' jkun li effettivament tkun tat xi struzzjonijiet fuq is-sit ukoll u ma jkunx hemm *email* f'dan ir-rigward. Hija kkonfermat li effettivament l-istruzzjoni bil-miktub intbaghtu fis-sittax u qalet illi kif jirrizulta mill-email mibghuta minnu stess, l-*instructions* kien hadhom ghax hu stess jaghmel referenza ghalihom. L-ewwel lok huma l-istruzzjonijiet jaghtuhom fuq is-sit bil-fomm u sussegwentement jidhlu fl-ufficcju u jibghatuhom bil-miktub. M'huwiex minnu dak li gie allegat lilha li kienet iddum biex taghti struzzjonijiet bejn email u ohra. Hija qalet illi dawn it-talbiet kienu jintbaghtu b'fax u mhux b'emails u tant huwa prova li effettivament kien jircievi l-istruzzjonijiet illi dawn il-faxes stess jindika li kien qed jikkomunika ma' Gallu li huwa l-QS tal-progett. Hija kkonfermat illi effettivament dawn kellhom jigu approvati mill-Quality Surveyor biex huwa jkun jista' jithallas. Il-pjanta tkun to scale u fuqha hemm indikat fejn kellhom jehlu t-*traffic lights*.

Ix-xhud giet murija Dokument B li hija l-pjanta annessa mal-affidavit. Hija spjegat illi din mhix il-pjanta proprja. Din hija pjanta A4. Il-pjanta originali tkun A1 u hija *to scale*. Hija qalet li f'din l-A4 hemm indikat il-lights. Ix-xhud ikkonfermat li kienet irceviet xi emails biex tindika fejn effettivament kellhom jitwahhlu t-*traffic lights* u kienet wegbithom. Il-*location of traffic lights* gew indikati mis-surveyor fuq is-sit u jidhru wkoll fil-pjanta. Filfatt il-*quantity surveyor* taghhom kien mar fuq il-post u ndika fejn kellhom jitwahhlu u kienet tathom id-dimensjonijiet hija bil-miktub fis-sens kemm kellu jkun wiesa' l-hajt u kemm kellu jinzel l-isfel. Ikkonfermat ukoll li kellu bzonn il-konferma taghha qabel ma jordna l-pajp u hija kienet tathielu fl-email. Hija kkonfermat li l-*ambulance lane* kienet qed tinghata prijorita peress li kienet urgenti.

Huma ma johorgu l-ebda struzzjonijiet f'isem il-Go jew xi servizz iehor. Hija kkonfermat li fit-8 ta' Ottubru l-kuntrattur ma kellux informazzjoni dwar is-servizzi li kellhom jghaddu l-Go u l-Melita. Huma bhala Transport Malta jkollhom x'jaqsmu biss ma' *road constructions work* u hma meta ha jaghmlu t-triq kull ma jaghmlu huwa li jinfurmaw lil tas-servizzi. Pero' jekk f'dan il-kaz per ezempju ta' Monsinjur De Piro li ghamel xi xoghlijiet zejda hija hadithom in konsiderazzjoni meta' giet biex tnaqqas ghad-*delay*. Naturalment meta' dawn ikunu entitajiet tal-Gvern. Meta' jkunu entitajiet privati per ezempju tal-Melita u tal-Go hija ma tqishomx ghaliex dawk jaghmilhom ghax irid hu.

Hija spjegat illi fir-rigward tal-*ambulance lane* ma kienx hemm bzonn kwistjonijiet ta' livelli mill-MEPA u huma filfatt kienu ghamlu l-marki

taghhom direttament. Pero’ fil-konfront tat-toroq l-ohra effettivament kellhom jistennew xi *markings* mill-MEPA. Ix-xhud ikkonfermat illi l-MEPA nfurmawhom f’Awwissu li kienu be hsiebhom jghaddu t-triq. Hija giet murija dokument VGL 26 datat 19 ta’ Ottubru u spjegat illi l-fatt li kien hemm marki fuq is-sit ifisser li l-MEPA kienet marret u accediet fuq il-post. Hija ddikjarat illi s-soltu l-MEPA tmur bejn tlieta u erba’ gimghat wara. Hija stqarret illi jekk huma baghtulu f’Ottubru u effettivament sa Ottubru thassru, hija ma kinitx fuq is-sit meta’ marru r-rapprezentanti tal-MEPA u ghalhekk naturalment taqbel illi fid-19 ta’ Ottubru ma setghux jibdew ix-xoghol f’dik it-triq ghaliex effettivament ma kienx hemm il-marki kollha u naturalment il-kuntrattur m’ghandux kontroll meta’ l-MEPA tmur biex tindika l-marki fit-toroq. Pero’ hija wkoll ir-responsabilita’ tal-kuntrattur biex isegwi mal-entitajiet meta’ x-xoghlijiet se jsiru. Hija responsabilta’ tal-kuntrattur li tohrog mill-kuntratt li jsegwi biex l-immarkar isir fil-hin.

Mistoqsija mill-Qorti jekk effettivament il-kuntrattur fittixx lil dawn l-entitajiet privati ghal dewmien fis-servizzi taghhom wiegbet illi ma tafx. Fil-fehma taghha l-markings kienu tajbin, ix-xoghol sar hazin u kellhom jaqlghuhom u jaghmlu x-xoghol mill-gdid u taf ukoll li jekk kien hemm xi xoghlijiet li sar xi tibdil fuqhom pero’ dawn hadithom in kunsiderazzjoni meta giet biex tahdem il-penali. Filfatt kienet haditlu in kunsiderazzjoni x-shut down u erba’ gimghat *over and above* d-*duration*. Dan il-fax li huwa datat 23 ta’ Novembru 2007 qalet li filfatt kien hemm gurnata xoghol fejn ix-xoghol kien sar hazin u huma haduha in kunsiderazzjoni meta’ gew biex jaghmlu l-kalkoli taghhom. Hija tghid illi l-ammont kien xi mitejn ewro (€200).

Mistoqsi jekk haditx in kunsiderazzjoni x-xita u l-maltemp meta’ ghamlet id-danni taghha qalet li iva effettivament hadithom sa Jannar. Hija spjegat illi l-kuntratt kellu jkun lest sa erbghin gimgha u cioe’ sa Jannar u ghalhekk ix-xita kollha li grat minn Jannar sa Mejju ma giex ikkunsidrat ghaliex kien *extra.* Jekk mhix sejra zball ix-xhud hadet in kunsiderazzjoni x-xita ta’ Novembru u Dicembru. Hija kienet injorat ir-rapport tar-*rainfall* fejn kien gie moghti lilha tal-kuntrattur ghaliex ma kien hemm l-ebda ndikazzjoni ghal-liema perjodu u ghal-liema *areas* kien ikopri. Hija hadmet biss fuq ir-rapporti li kellha tal-*field officer*.

Ix-xhud stqarret illi Dokument VGL 34, 35 ma jindikax il-lokalita’ fejn kien hemm ir-*rainfall* u ghalhekk hija kkalkolat dawn abbazi tal-*field officer report* li kien imur hu *on site* kuljum u fejn kien hu li ndika l-granet tax-xita. Filfatt kien hemm diversi granet ta’ xemx fejn ma kienx hemm haddiema tal-kuntrattur. Hija cahdet illi meta’ l-kuntrattur ma baghatx haddiema kienet a kawza li ma setghax isir xoghol u kien hemm gimghat shah meta’ l-kuntrattur ma kienx baghat haddiema fuq is-sit u mhux minnu ghax kien qed jistenna xi struzzjonijiet. Hija cahdet dak li qed jigi allegat lilha illi effettivament il-kuntrattur dam biex beda x-xoghol minn Settembru sa Frar ghaliex effettivament kien qed jistenna minn ghandhom. Hija cahdet ukoll illi l-kuntrattur m’ghamilx il-*base coat* kif fehmu huma ghax hu qed jikteb ghax ma kienx qed jaqbel mar-rata. Cio nonostante l-kuntrattur kellu kuntratt iffirmat maghhom b’dik ir-rata u ghalhekk ma setghax jiddiskuti r-rata. Ir-rata kienet gia stabbilita. Effettivament il-kuntratturi l-ohra li kienu wkoll qablu fuq din ir-rata ghamlu *complaint* mal-FOI u hadu d-differenza. Filfatt hemm *emails* ezebiti wkoll illi l-kuntrattur ma kienx qed jaghmel it-tarmac f’dan il-kaz ghax ma kienx qed jaqbel mar-rati u kien wiegbu lura l-

perit David Vassallo, l-manager tax-xhud ta’ dak iz-zmien li huma kienu qeghdin jiddiskutu r-rati mal-FOI.

Ix-xhud qalet ukoll illi l-kuntrattur ma wasalx sabiex jaghtihom l-asfalt ahdar kif tahom fl-*ispecifications* u ghamlu zebgha tat-*tennis court* fuq it-tarmak. Hija kkonfermat pero’ li seta’ kien hemm xi *variations* li saru lill-kuntrattur. Kull *variation* li saret naturalment tkun saret abbazi tal-istruzzjonijiet moghtija mix-xhud. Pero’ l-*quality surveyor* ma jiccekjax jekk ix-xoghol sarx sew. Ix-xoghol jigi vverifikat mill-perit. Il-*quantity surveyor* jmur fuq il-post u jiehu l-kejl u dan sabiex abbazi ta’ dak l-istess kejl il-kuntrattur ikun jista’ jithallas. Ix-xhud ikkonfermat li l-*variations* saru fuq struzzjonijiet taghha, iccertifikati u sussegwentement imhallsa. Hija tat spjegazzjoni ghad-dewmien minhabba dawn il-*variations* fl-affidavit taghha. Hija qalet illi l-*variations* u l-*extras* filfatt huma l-istess haga. Spjegat illi *variation* mhix item fil-kuntratt u allura hija meqjusa bhala *additional work extra.*

**Il-Perit Antoinette Conti** xehdet fl-4 ta’ Frar, 2015 fejn saritilha referenza ghal fax li hija kienet baghtet fis-16 ta’ Ottubru 2007 u qal illi f’din il-fax hija kienet attirat l-attenzjoni tas-socjeta’ attrici dwar id-difetti li kien hemm u taghtu ordnijiet sabiex kellu jirrimedja s-sitwazzjoni. Mistoqsija jekk dakinhar kinitx *on site* tghid illi ma tafx jekk kinitx dakinhar pero’ biex kitbet din il-fax sinjal li kienet ghamlet xi spezzjoni qabel. Hija ma tatu l-ebda struzzjoni dwar il-cables tal-Go ghaliex huma ma jidhlux fil-kwistjoni tal-Go. Fuq is-servizzi privati jidhlu l-kumpaniji privati. Fuq din il-fax ma kitbitlu l-ebda referenza ghal kwistjoni mal-Go.

Qed issirilha referenza ghal fax ohra wkoll datata 16 ta’ Ottubru 2007 pero’ din id-darba giet mibghuta lilu minn Vella Group u f’din il-fax hemm miktub li effettivament ix-xoghol, il-gebel li ntuza kien gdid. Hija tiftakar li l-gebel ma kienx gdid pero’ anke l-*field officer* li kien gabilha r-ritratti jindika illi l-gebel ma kienx gdid. Hija sostniet illi kulhadd jikteb li jrid u ghalhekk jekk Vella Group qal li l-gebel kien gdid hija ma taqbilx mieghu ghax filfatt ma kienx gdid. Ma tafx minn liema minn dawn iz-zewg *emails* gew l-ewwel ghax huma tnejn datati. L-email taghha ghandha hin 5.55pm waqt li dik ta’ Vella Group m’ghandhiex date.

L-infrastruttura li ghandha tintuza’ biex tkopri l-cables tal-Go taqa’ fil-gudizzju tal-Go innifishom u mhux f’idejhom. Il-kuntratt taghhom ma jkoprix ix-xoghol tal-Go. Issa jekk il-kuntrattur irid jaghmel xi xoghol f’dal-cables dak ikun apparti u r-relazzjoni tieghu tkun diretta mal-Go. Mistoqsija kif effettivament hija kienet wiegbet ghal din il-fax tat-8 ta’ Ottubru 2007 permezz ta’ zewg faxes datati 12 u 15 ta’ Ottubru 2007 dejjem b’referenza ghal *concrete capping* tal-Go cables wiegbet illi fir-risposta taghha hija qaltlu r-*rates* li kellu jithallas bihom kellu jigu diskussi mal-*quantity surveyor* u mhux maghha. Filfatt jirrizulta minn dawn il-faxes stess illi l-kuntrattur kien jaf xi jrid jaghmel, tant hu hekk li talab is-somma ta’ tliet mija u sebgha u sittin. Filfatt hija qaltlu li kellu jaghmel din il-*variation.* Tant hu hekk li taha l-prezz pero’ dwar il-prezz huwa kellu jitkellem mal-*quantity surveyor*. Hija ma tafx meta ezattament qaltlu pero’ taf li jaf biha ghax hemm referenza fl-emails tieghu stess. Hafna drabi l-*variations* kienet taghtihomlu *on site* bil-fomm u sussegwentement tmur l-ufficju u tiktibhomlu bhala fax. Il-field officer kien imur fuq il-post kuljum eskluz Sibt u Hadd u forsi xi granet meta’ jkun bil-leave. Naturalment hija hadithom sakemm il-kuntrattur kellu jlesti

x-xoghol. Wara d-dati meta kellu jlesti x-xoghol ma qaghditx tikkonsidra aktar.

Ix-xhud ikkonfermat li effettivament jekk taghmel xita ghal jumejn tlieta u l-art tkun ghadha mxarrba jew niedja, ix-xoghol ghalkemm ikun hemm ix-xemx ma jistax jitkompla. Pero' t-tarmac f'dan il-kaz waslu biex jaghtuh wara d-*deadline* allura dawn il-granet ma jaffetwawx ghaliex effettivament it-tarmac kellu jitlesta qabel. Dwar il-kwistjoni tal-varjazzjoni tar-rati hija ddikjarat illi ma tidholx fiha. L-email fuq l-FOI ma kinitx kitbitha hi izda kien kitibha l-Perit David Vassallo li dak iz-zmien kien il-manager taghha. Hija ma tafx jekk l-FOI kellhiex taghti rati godda.

Ix-xhud sostniet li d-differenza fil-prezz li hadu fuq ir-rati giet indikata lil kull kuntrattur. Hija cahdet li kienet damet biex taghti l-qisien tal-pajps dwar it-traffic lane ta' Mater Dei. Huwa kien baghatilha fax il-Hamis u wegbitu t-Tnejn. Ix-xhud ikkonfermat illi kienet indikatlu fejn kellu jmur jigbor l-arbli meta jkun lest biex jghaddi l-pajpijiet. Pero' l-kuntrattur Vella Group ma kellhomx x'jaqsmu sabiex iqandlu dawn it-*traffic lights*. Hija ma tafx jekk kienx hemm kuntratturi *on site* meta sehh l-incident tat-traffiku f'Mater Dei. Pero' l-incident in kwistjoni sar minhabba li *re-instatement* tat-trinka ma kienx sar sew. Huma m'ghandhomx x'jaqsmu l-kuntratturi tad-dwal. Ix-xhud ma tafx jekk kienx hemm kuntratturi li ghamlu t-trinek fuq progett iehor dakinhar. Pero' cahdet li Vella Group saru jafu biss meta baghtetilhom kopja tal-*payment voucher*. Jekk mhix sejra zball kienu gew infurmati direttament mid-direttur Perit Buhagiar.

Hija giet murija dokument VGL 37 u 38. Ikkonfermat li din l-ittra VG38 tghid illi effettivament Vella Group ma kienux jafu fuq dan l-incident. Id-decizjoni li jitnaqqsu l-flus minn ta' Vella Group dwar dan l-incident mhux hija kienet haditha izda kien hadha l-Perit Buhagiar id-direttur. Hija naturalment segwiet l-istruzzjonijiet biss u sostniet illi ma tidholx kif kien iddecieda l-Perit Buhagiar. Hija ma tafx jekk kellux xi rapport tal-Pulizija jew le. Ix-xhud filfatt kellha d-dokumenti mibghuta lilha mill-Perit Buhagiar u kien ghalhekk li hija zammet il-*payment vouchers* ta' dan l-incident u naqsithom mill-ammont dovut. B'referenza ghad-dokument VGL 16 qalet illi ddecidew max-xoghol li kien qed isir jinbidlu l-livelli u l-kuntrattur kellu *shutter* kellu jaqalghu u ghalhekk kellu jerga' jarma x-*shutter* biex jaghmel il-konkos mill-gdid. Hija kienet decizjoni taghhom li jbiddlu x-xoghol f'dan il-kaz. Ix-xhud ikkonfermat li huma ddecidew li tnehhilu erba' gimghat *shut down* mill-penali. Hija prassi normali li jekk tkun ix-xita l-*field officer* ma jmurx idur barra.

Rat l-affidavit ta' **John Azzopardi** li gie pprezentat permezz ta' nota fit-2 ta' April, 2014 fejn ikkonferma li huwa ilu mpjegat mas-socjeta' attrici Vella Group Limited bhala foreman ghal dawn l-ahhar tnejn u ghoxrin (22) sena. Huwa jaf sewwa l-fatti dwar il-kaz u cioe' dwar in-nuqqas ta' qbil bejn is-Sur Jimmy Vella li huwa d-direttur tas-socjeta' attrici u l-Awtorita' ghat-Trasport f'Malta.

Ix-xhud spjega li huma bdew bl-ewwel bicca xoghol gewwa l-Mater Dei Ambulance lane fejn sab problemi ta' livelli. Meta beda jigbed il-livelli huwa nduna li kienu hziena minhabba qlib li kawza ta' hekk it-triq kienet ha zzomm l-ilma. Ghalhekk huma kellhom jirrikorru ghas-surveyor tal-ADT liema surveyor kien gie wara xi jiem u b'hekk bdew ix-xoghol. Huwa matul

ix-xoghol kien jitlob xi dettalji kif ha jsir ix-xoghol u xi pjanijiet hemm pero' kienu jdumu ma jaslulu l-istruzzjonijiet. Ghalhekk huwa kien jirrikorri ghal ufficju taghhom u kienu jintbaghtu lil persuni kkoncernati. Ix-xhud tenna li ma kienux inghataw certu dettalji bhal ezempju li kien hemm traffic lights u ghalhekk kellhom izjed xoghol peress li kellhom jaghmlu diversi tulijiet ta' pajpijiet fuq il-bankini kif ukoll crossings fit-triq minhabba access ghad-dawl. Huwa jaf ukoll li t-tarmac kienu damu biex tawh ghax kellhom jittiehdu xi decizjonijiet fuq xi prezz u kulur li kellu jinghata. Dan dejjem kif sema' mill-ufficju. Barra minn hekk il-maltemp kien jitfaghhom dejjem lura peress li kien jaqa' hafna ilma minn naha ta' San Gwann. Kawza ta' hekk kienu ordawlhom ukoll trinka ghall-ilma li jaqa' fuq il-post u ghaqduh ma' *water culvert* biex tittaffa l-problema. Huwa meta kien ikun jahdem fuq il-post dejjem kellu tabelli u dwal tas-safety u qatt ma ltaqa' ma' ncidenti. Tal-ufficcju kienu nfurmawh li kien sar xi ncident u li tnaqqsu xi flus mill-kumpanija. Pero' huwa sostna li huma kienu lesti mix-xoghol f'dik il-parti tat-triq u kellhom jitwahhlu l-lights minn kumpanija ohra.

Ix-xhud ghamel referenza ghax-xoghol li sar fi Triq Madonna tal-Gebla, Gzira. Huwa spjega li meta mar fuq il-post huwa ha l-makkinarju pero' ma setghax jibda x-xoghol ghax il-marki u livelli ma kienux prezenti. Ghalhekk damu xi gimghat sakemm rega' mar lura fuq il-post biex jibda sakemm immarkaw l-istess livelli. Il-makkinarju kien thalla fuq il-post. Ix-xhud iddikjara li hemmhekk iltaqghu ma' problemi fosthom hajt li kien imiss mal-art privata fuq gemb tat-triq li kien fi stat hazin u l-awtorita' ma kinitx taf x'decizjoni ser tiehu. Wara diversi kuntatti l-awtorita' ddecidiet li dan il-hajt ma kellux jintmess allura setghu jahdmu fuq dik il-parti tat-triq. F'din it-triq huma kellhom ordni biex jibdlu l-main tal-ilma. Huwa spjega li meta huma jpoggu l-main fil-post ikunu jridu li wara li jitlesta ssir il-pressure test u

chlorine test min-naha tal-WSC. Filfatt il-WSC kienu gew wara xi jiem li avzawhom u wara li ghamlu t-testijiet u ghadda z-zmien tat-test, gew infurmati li l-chlorine test ma ghaddiex. Kawza ta' hekk kellu jittiehed test iehor u jergghu jistennew iz-zmien tat-test jghaddi. Sakemm damu jistennew dawn it-testijiet, huma ma setghux ikomplu peress li l-main kien jinsab gol-bankina u b'hekk il-bankina ma setghetx tinghata. Dan peress li wara li jkollhom il-go ahead minn tas-sanita' huma mbaghad nghaddu s-servizzi lir-residenti wara li jigu jghamlu t-tappings tal-WSC huma stess. Problema ohra mhix prevvista mill-awtorita' kienet li kellhom isewwu xi partijiet tal-main tad-drenagg kif ukoll house connections ghax kienu fi stat hazin.

Ix-xhud ghamel referenza wkoll ghax-xoghol li sar fi Triq Mons De-Piro, Birkirkara. Huwa stqarr li hawnhekk kellhom l-istess problemi rigward livelli u marki ta' servizzi min-naha tal-awtoritajiet ikkoncernati. L-iktar problema li sabu f'din it-triq u tefghathom lura fil-progress kienu xi sigar tal-harrub li kienu jinsabu go din it-triq fil-parti tan-nofs int u diehel fil-bicca li taghlaq. Huwa jaf li din il-kwistjoni damet sejra ghax dam hafna biex tawh id-dettalji kif kellu jdur mas-sigar. Dawn ma setghux jintmessu peress li huma protetti allura nghat dettalji max-xoghol. Ix-xoghol kollu mad-dawra tas-sigar kellu jsir kollu bl-idejn u l-ebda makkinarju ma seta' jitressaq lejn is-sigar ghax gew avzati biex jibzghu ghal dawn is-sigar. Huwa sostna li kienu tilfu hafna zmien peress li kellhom jaghmlu dan ix-xoghol kollu bl-idejn. Il-maltemp kien ukoll fattur li tefaghhom hafna lura.

**John Azzopardi** xehed fit-8 ta' Ottubru 2014 fejn gie mistoqsi jekk jafx kif jinhadem il-prezz tal-valur tat-tarmac. Huwa wiegeb illi dan mhuwiex ix-

xoghol tieghu u ghalhekk ma jafx. Ix-xhud saritlu referenza ghall-pjanta li tinsab inserita fl-atti a fol 222. Huwa ddikjara li qatt ma raha din il-pjanta. Ix-xhud ikkonferma li kien hemm granet meta kien ikun hemm bnazzi pero' ma setghux jahdmu ghax ma kienx ikun hemm livelli ghalhekk xorta ma jkunux jistghu jahdmu. Ix-xhud cahad li meta kienu qeghdin jaghmlu xoghol fi Triq Madonna tal-Gebla u kienu qeghdin jistennew il-kostruzzjoni tal-ilmijiet setghu jaghmlu xoghol iehor u dan ghax ma setghux iqabbdu servizzi ta' nies peress illi t-test tal-ilma ma kienx ghadda mis-Sanita' u ghalhekk kellhom jistennew sabiex jigi test iehor biex wara r-rizultat tajjeb ta' dak it-test ikunu jistghu jqabbdu n-nies.

Huwa spjega li sussegwentement jaghtu konkos lill-bankina ghax il-main ikun ghaddej mill-bankina. Il-periti tat-trasport ma kienux ikellmuh b'mod regolari u waqt li kien ikun fuq lant tax-xoghol kuljum. Huwa x-xoghol kien jghaddihulu certu Jonathan li jahdem maghhom u lanqas ma kien involut fil-kalkoli tal-penali. Ix-xhud jaf li waqt li kienu qed jaghmlu xi xoghol Birkirkara kienu ltaqghu ma' sigra tal-harrub u Jonathan Vella kien jaghtih struzzjonijiet ta' x'kellu jaghmel b'din is-sigra. Pero' ttardja hafna ma tahomlhom u meta tahomlhom kellhom jaghmlu hafna xoghol bl-idejn. Huma kellhom inehhu t-terrapien bl-idejn biex igibu livell tajjeb u kellhom idahhlu l-konkos fuq l-idejn ukoll. Mistoqsi minn ghand min kien jiehu l-istruzzjonijiet Jonathan Vella wiegeb li ma jafx. Ix-xhud iddikjara li huwa ma jafx li kien hemm xi okkazjonijiet meta' kellhom jaqalghu x-xoghol li kienu ghamlu gewwa Birkirkara.

Rat l-affidavit ta' **Jonathan Vella** li gie pprezentat fit-2 ta' April, 2014 fejn ikkonferma li huwa ilu mpjegat mas-socjeta' attrici Vella Group Limited

bhala *draughtsman* ghal dawn l-ahhar sitt snin. Huwa ddikjara li jaf sewwa l-fatti tal-kaz u specifikatament dwar in-nuqqas ta' qbil bejn is-Sur Jimmy Vella u l-Awtorita' ghat-Trasport f'Malta.

Huwa spjega li s-socjeta' attrici ilha tahdem fl-industrija ta' kostruzzjoni tat-toroq ghal bosta snin u hadmu wkoll ma' entitajiet diversi fuq tenders ghal xoghol f'hafna toroq gewwa Malta. Huma x-xoghol dejjem ghamluh skont is-sengha u l-arti.

Rigward dan il-kaz partikolari spjega li l-Awtorita' kienet harget tender li kienet tikkonsisti f'kostruzzjoni u xogholijiet gewwa partijiet minn tliet toroq li huma l-ambulance lane tal-Isptar Mater Dei, Triq De Piro gewwa Birkirkara u Triq il-Madonna tal-Gebla gewwa l-Gzira. Ix-xhud tenna li l-ammont miftihem ghax-xoghol kollu kien ta' Lm 61,142 biss pero' jekk waqt ix-xoghol kien jinqala' bzonn ta' xi xoghol addizzjonali huma kien ikollhom jissottomettu r-rati li dwarhom ma jkunx sar ftehim minn qabel ghall-approvazzjoni tal-Awtorita. Dan ghax jekk ma jkollhomx l-approvazzjoni bil-miktub ikun hemm riskju li ma jithallsux ta' dan ix-xoghol addizzjonali. Fit-18 ta' Settembru, 2007 ircevew "Letter of Acceptance" minnghand l-ADT fejn gew infurmati li rebhu t-tender ghal dawn ix-xoghlijiet. Fis-26 ta' Settembru, 2007 ircivew "Order to start works" minn ghand il-Perit D Vassallo.

Ix-xoghol gewwa L-Ambulance Lane f'Mater Dei beda fis-27 ta' Settembru 2007 meta hadu l-makkinarju fuq il-post u spicca fl-4 ta' Marzu 2008 ghar-ragunijiet unikament attribwibbli ghall-Awtorita'. Huwa spjega li fit-8 ta' Ottubru 2007 kienu kkomunikaw mal-Perit Conti fejn informawha li ma kienux ftehmu fuq ir-rati ta' *removal of concrete pre-cast capping,*

*demolition and carting away of concrete infill between the 2-leafed masonry wall, demolition and carting away of concrete block,* kif ukoll *removal of concrete kerb next to storm water culvert*, kellhom bzonn l-approvazzjoni ta' l-Awtorita qabel ma setghu jkomplu x-xoghol. Sat-8 ta' Ottubru kienu ghadhom ma setghux jaqbdu ritmu sew ghax kien jonqoshom informazzjoni essenzjali kif jidher mid-dokumenti VGL1 u VGL2.

Huwa sostna li mill-ewwel bdew jigbdulhom l-attenzjoni li jekk ma jlahhqux sad-data stabbilita dan kien ikun tort tal-Awtorita' ghax huma dejjem agixxew biex ilahhqu saz-zmien biex jevitaw penali. Huwa ddikjara li mhux fl-interess taghhom li jiskadu z-zmien. Huma dejjem kellhom haddiema dejjem lesti li jahdmu u meta jieqfu kien ifisser li xorta jridu jhallsu l-haddiema meta ma jkunux jahdmu. Huma kienu qed jistennew approvazzjoni fuq rati wkoll fl-10 ta' Ottubru 2007.

Ix-xhud spjega li fl-15 ta' Ottubru 2007 kienu regghu ikkomunikaw mal-perit Conti minhabba li kienu ghadhom ma rcevewx l-informazzjoni mitluba fit-8 ta' Ottubru 2007, meta kienu mizmumin milli jkomplu jahdmu (Dok. VGL 3-6). Is-socjeta' attrici kienet talbet lill-Awtorita' sabiex tapprova x-xoghol extra u ghalhekk kellhom jergghu jieqfu sakemm inghataw l-approvazzjoni. Certu struzzjonijiet kienu nghataw verbalment mill-perit Conti fuq it-telephone u huma wettqu xi xoghlijiet biex ma jhallux ix-xoghol wieqaf sakemm ikollhom l-approvazzjoni bil-miktub. Huma regghu kitbu fis-16 t'Ottubru 2007 (VGL 7) biex taghtihom struzzjonijiet addizzjonali pero' baqghu bla risposta.

Fil-bidu ta' Novembru gew infurmati li l-livelli li kienu ftehmu dwarhom mal-Awtorita kienu ser jigu mibdula. Fit-23 ta' Novembru 2007 huma kitbu lill-Awtorita' li x-xoghol minn tlett haddiema minn taghhom sewa ghal xejn u dan b'dannu ghall-kumpanija taghhom. Dan fisser ukoll li x-shutter kellha tigi mnehhija u ppustjata ghal-livelli godda li l-Awtorita' dehrilha li ghandha tibdel.

Ix-xhud tenna li fit-8 ta' Novembru, 2007 kitbu lill-Awtorita' fejn talbuha taghtihom informazzjoni u struzzjonijiet dwar il-qisien tal-pajpijiet u fejn kellhom isiru t-traffic lights (Dok VGL 9) u li minghajrhom ma setghux jibdew ix-xoghol fuq ic-central strip. Huma nfurmaw ukoll lill-Awtorita fit-13 ta' Novembru (VGL 10) li minhabba li kellhom l-informazzjoni kollha mehtiega setghu jibdew ix-xoghol. Dan sarraf f'dewmien ta' tmien gimghat iktar minn nofs iz-zmien li nghataw sabiex itemmu x-xoghol skont it-tender li huma kienu rebhu f'Awwissu. Huwa ddikjara li dan id-dewmien kien kollu tort tal-Awtorita'. Gimgha wara, nhar l-20 u fit-22 ta' Novembru, 2007 huma regghu kitbu lill-Perit Conti sabiex jinghataw xi drawings u nformazzjoni dwar traffic light crossings (VGL 11).

Huwa sostna li l-Awtorita' kienet negligenti meta talbuha x'kulur riedu l-asfaltar tat-triq (VGL 17). Huwa nfurmahom li peress li l-fabbrika li thallat il-kulur kellha tkun informata minn tal-anqas gimgha qabel u allura specifikaw li t-target date tat-30 ta' Novembru kien difficli li jintlahaq. Filfatt fit-30 ta' Novembru kienu ghadhom ma rcevewx struzzjonijiet finali dwar it-tarmac.

Barra dawn id-diffikultajiet li ltaqghu maghhom kien hemm ukoll l-elementi tan-natura li wasslu wkoll ghal xi telf ta' zmien (Dok VGL 18) fejn kienet

saritilhom xi hsara kawza ta’ ilmijiet tax-xita. F’dan il-kaz kellu jithalla jinxef u jerga’ jitranga fejn kien hemm il-hsara. Il-hot tarmac ikun irid sodda niexfa u kumpatta bhala pediment inkella ma jservix ghal tul ta’ zmien rigward kwalita.

Rigward ix-xoghol li sar fi Triq Madonna tal-Gebla, Gzira, ix-xhud spjega li beda fis-6 ta’ Dicembru 2007 u spiccawh fis-16 ta’ Mejju, 2008. Huma hawnhekk ukoll ghaddew u ffaccjaw l-istess problemi. L-Awtorita’ damet ma taghthom l-istruzzjoni finali li kull kuntrattur ikollu bzonn qabel jibda minkejja diversi korrispondenzi li kellhom mal-Awtorita’ (Dok VGL 26). Sad-19 ta’ Ottubru kienu ghadhom ma jafux il-livelli tat-triq.

Huwa tenna li gimgha wara baghtu reminder iehor lill-Awtorita’ biex jinfurmawhom bil-livell tat-triq (VGL 28). Huma kienu ghadhom ma setghux jibdew fil-5 ta’ Novembru (VGL 30). F’din il-korrespondenza tal-5 ta’ Novembru, 2007 kienu diga hadu l-makkinarju mehtieg fuq il-post. Skond Dok. VGL 32, l-extension kellha tintalab minhabba li l-katusi tad-drenagg kienu mpoggijin kwazi mal-wicc tat-triq u allura kien hemm diversi hsarat li minhabba fihom kellhom jigu mibdula. Huma kellhom jibdlu l-main tal-ilma, jistennew il-*pressure test* u *chlorine test* tas-sanita u kif jghaddi kollox mit-test ikunu jridu jigu mpjegati tal-WSC biex itaqqbu t-*tappings* ghas-servizzi tal-ilma. Normalment huma kienu qed jaghmlu 5 *tappings* kull darba li jigu.

Ix-xhud ghamel referenza ghal Mons De Piro, Birkirkara fejn iddikjara li huma bdew ix-xoghol gewwa din it-triq fl-10 ta’ Jannar 2008 u spiccaw fil-25 ta’ Frar 2008 waqt li kien ghadu ghaddej xi xoghol gewwa Mater Dei. Huwa sostna li huma ffaccjaw l-istess problemi mal-Awtorita’ kemm qabel bdew

kif ukoll waqt ix-xogholijiet. Sa gimghatejn minn meta kienu nghataw it-tender (VGL 21) huma kienu ghadhom qed jistennew struzzjonijiet minn ghand il-Water Services Corporation (Waste Water Unit and Potable Unit), l-Enemalta, il-Go u l-Melita Cable.

Raguni ohra ta' dewmien (Dok. VGL 23) hi li l-MEPA kienet ghadha ma rceviet xejn minn ghand l-Awtorita' u allura huma ma setghux jibdew ix-xoghol f'din it-triq. F'dan il-kaz il-MEPA kellha taghti linji u livelli godda tat-triq u huma biss setghu jikkonfermaw il-Building line tal-bini ezistenti. Huma kellhom jieqfu wkoll minhabba li ma kienux jafu x'ser isir mis-sigar li kienu jinsabu fil-parti ta' gewwa tat-triq, liema sigar kienu qed jaghlqu parti kbira mill-access tat-triq biex tghaddi minn tarf sa tarf (Dok. VGL 24). Huwa sostna li t-tort ta' dan id-dewmien kien tal-Awtorita' peress li kien hemm diversi varjazzjonijiet li kien differenti mit-tender u kien hemm dewmien mill-Awtorita' meta kienu jitolbuha l-informazzjoni. Huwa ghamel referenza ghal Dok. VGL 33 fejn juri li huma kienu jircievu risposti dwar informazzjoni rikjesta gimghat jekk mhux xhur wara li jsaqsu ghalih u dan allura kien iwaqqahom lura fix-xoghol. Huwa sostna li minbarra dawn in-nuqqasijiet kien hemm ukoll elementi li kellhom kontra taghhom ghal diversi granet kif jidher mid-dokumenti VGL 34 u VGL 35.

Fit-23 ta' Frar tal-2011 huma regghu kitbu lill-Awtorita' ghax ma kienux qed jaqblu mal-penali. Huma regghu insistew li minbarra x-xita kontinwa li permezz taghha kellhom jieqfu ghal diversi granet kien hemm ragunijiet ohra li kienu attribwiti unikament lill-Awtorita'. Huma nfurmawhom li r-ragunijiet principali kienu diversi xoghlijiet addizzjonali u varjazzjonijiet. Kien hemm ukoll il-marki li kellha taghmel il-MEPA u li kienu zbaljati kemm fi Triq

Madonna tal-Gebla kif ukoll fi Triq Mons De-Piro. Apparti dan il-MEPA hadet fit-tul biex immarkathom.

Huwa ddikjara li peress li kien hemm accident fejn xi hadd habat go *pelican lights* li saru l-Mater Dei, tnaqqsitilhom l-ammont ta' elfejn, disa' mija u hamsa u tmenin ewro u hamsa u sittin centezmu (€2,985.65). Ix-xhud kien talab informazzjoni b'ittra datata 13 ta' Ottubru, 2008 u reminder iehor fit-23 ta' Frar, 2011. Huma ma semghu xejn fuq dan l-incident u talbu dettalji fuqu ghax is-socjeta' attrici ghandha l-insurance taghha li hija Elmo Insurance Agency u din talbithom id-dettalji fuq l-incident. Huwa sostna li huma ma kellhomx x'jaqsmu mal-pelican lights ghax kienu twahhlu minn kuntrattur iehor u kienu diga lestew ix-xoghlijiet f'dik it-triq. Jekk dan kien kaz ta' negligenza tas-sewwieq, dan ma ghandhiex tbaghtieh il-kumpanija taghhom.

**Jonathan Vella** xehed fit-8 ta' Ottubru 2014 in kontro-ezami fejn iddikjara li huwa jahdem bhala *draughtsman* fil-Vella Group. Mistoqsi x'kien l-involviment tieghu f'din il-kawza wiegeb li huwa kellu jiehu hsieb il-komunikazzjoni bejn il-periti fuq naha wahda u l-haddiema taghhom fuq is-sit in kwistjoni. Huwa ddikjara li t-tender qatt ma gie f'idejh fil-bidu tax-xoghol. Ix-xhud spjega li huma ma hadmux fuq it-tliet toroq kollha kif imsemmija fit-tender ghax ma kellhomx bizzejjed informazzjoni dwarhom.

Ix-xhud tenna li ma kienx hemm pjanijiet dwar ix-xoghol li kellu jsir. Huwa jiftakar per ezempju li darba minnhom kienu ghamlu bicca shutter ghal konkos u appena kienu se jaghtu l-konkos kellhom struzzjonijiet ghax kienu se jinbidlu l-livelli u ghalhekk l-istruzzjonijiet in kwistjoni gew minghand

Transport Malta. Mistoqsi jekk kellux xi lmenti dwar li x-xoghol ma sarx sew wiegeb li fil-fatt kien issemma xi hajt li qalulhom li kien qed isib gebel li kien fuq il-post meta filfatt il-gebel kien gdid ghax kienu gabuh minn barriera. Pero' l-bqija ma jafx li kien hemm xi lmenti ohra.

Ix-xhud gie muri pjanta li hija esebita fl-atti a fol 222 tal-process. Mistoqsi jekk huwa effettivament kienx ra din il-pjanta qal illi kienu ghaddewlu pjanta li x'aktarx kienet giet moghtija lilu mill-perit ta' Conti pero' f'din l-istess pjanta kif jidher m'hemm l-ebda dettalji fuqha. Filfatt lanqas indikazzjoni ta' livelli m'hemm. Huwa kkonferma li l-asfalt kellu jkun ahdar kif jidher fil-pjanta. Spjega li s-surveyor ma jkunx imqabbad minn naha tas-socjeta' Vella Group Limited. F'dan il-kaz il-klijent kien Transport Malta u ghalhekk kien hu responsabbli biex iqabbad kemm *land surveyor* u kif ukoll *quantity surveyor.* Huwa tenna li ghalkemm fil-kuntratt kien hemm miktub li kien ikollhom is-surveyors taghhom pero' dan kien f'kazijiet li jinqalghu xi ntoppi. Sa fejn jaf ix-xhud intoppi ma nqalghux ghax id-dettalji kellhom jigu minn Transport Malta.

Huwa spjega li f'dik il-parti tal-pjanta li ghandu quddiemu a fol 222 fejn hemm it-tarmac bl-ahdar, kien hemm hajt mal-genb fuq in-naha tal-lemin u dan kellu jitwessa sabiex tigi *ambulance lane* u f'din l-istess parti fejn hemm it-tarmac l-ahdar kien hemm ix-xoghlijiet li ma kienux mahsuba. Ir-rati mal-ftehim tat-tender qatt ma gew diskussi fir-rigward ta' dan ix-xoghol. Filfatt kienu kollha *variations*. Il-cables li huwa semma fix-xhieda tieghu principali ta' hdejn Mater Dei kienu l-cables tat-telephone, tal-Maltacom. Huwa tenna li filfatt kienu jibghatulhom, kienu jigu jaghmlu l-marki pero' ma jfissirx li l-

marki kienu jkunu dejjem tajbin. Filfatt f'dan l-akkwati fejn hemm it-tarmac l-ahdar, kien hemm il-hamrija u sabu l-cables tal-Maltacom hemmhekk.

Huwa spjega li t-triq Monsinjur De Piro gewwa Birkirkara kienet miftuha fil-parti ta' quddiem biss. Fuq in-naha ta' wara kien hemm sigra fuq in-naha tal-lemin u passagg li jaghti ghal gate ta' bidwi u wara kien kollu terrapien u borg gebel. Rigward il-Gzira ix-xhud qal illi ma jidhirlux li kien hemm xi cables izda jaf li kien hemm dranagg. Wara kienet saret talba biex jigu nstallati cables u dan sabiex mhux l-ewwel jaghmlu l-bankina u mbaghad ikunu jridu jaqalghuha. Huwa jaf li kien hemm main tal-ilma fil-bankina.

Ix-xhud spjega wkoll illi Transport Malta kienet qaltlu li qed jippretendu xi penali minn ghandhom, pero' ma ssemmewx ammonti. Saritlu referenza a fol 251 tal-atti u qal li effettivament l-emails hemm indikati kien jircivihom hu u hemmhekk kienu qeghdin jghidulhom li kien hemm iktar xoghlijiet milli dak li kienu qeghdin jippjanaw huma u filfatt kienu talbu l-estensjoni taz-zmien. Huwa sostna li ma kienux gew infurmati dwar xi ncidenti li allegatament sehhew minhabba l-istat hazin ta' toroq li hallew huma. Huwa sar jaf biss meta' rcivew payment slip fejn kien gie nfurmat li tnaqsulhom l-ammonti. Huwa sostna li ma kellhomx dettalji dwar incidenti li allegatament sehhew u filfatt talabhom personalment ir-rapporti tal-pulizija u tal-insurance izda ma kien hemm xejn minn dan sa llum-il gurnata.

Ix-xhud kompla jixhed in kontro-ezami fejn iddikjara li huwa ma setghax idum. Meta' kien ikollhom problema kien jinforma l-Awtorita' minnufih ghax kien ikollu n-nies taghhom jistennew u x-xhud kien responsabbli ghad-dewmien. Huwa stqarr li huma kienu jcemplu minn fuq il-post, minn fuq il-

mobile taghhom pero' ma kienx ikollhom risposta dak il-hin. Huwa kien imur l-ufficcju, jibghat l-email bl-informazzjoni li ghandhom bzonn u jghid li kien ikun hemm dewmien qabel ma kien ikollhom xi twegiba. Gieli dan id-dewmien kien idum sahansitra gimgha. Allura kien ikollu jwaqqaf ix-xoghol taghhom u n-nies johodhom post iehor.

**Mark Micallef** xehed fl-14 ta' Mejju, 2014 fejn iddikjara illi huwa jahdem bhala *field officer* ma' Transport Malta u fost ix-xoghol li jaghmel huwa li jaghmel *site inspections* fit-toroq, bini ta' toroq godda u jiccekkja lill-kuntratturi. Huwa ilu jokkupa din il-kariga ghal dawn l-ahhar tmien snin u nofs. Huwa gie muri dokument li jinsab a fol 108 tal-atti li hu datat 20 ta' Mejju 2008 u kkonferma li huwa kien ghamel spezzjoni gewwa Mater Dei. Huwa qal li din kellha tkun triq u fil-fatt kienet lesta bit-tarmakk. Din it-triq tlestiet fl-20 ta' Mejju 2008. Dan id-dokument jirreferi ghat-tlett toroq li huma Mater Dei, Triq Depiro, u Triq Madonna tal-Gebla fil-Gzira. Huwa gie muri dokument iehor li jinsab inserit fl-atti a fol 110. Huwa kien ghamel spezzjoni fil-15 ta' Mejju 2008 u kien kiteb li effettivament Triq Madonna tal-Gebla, il-Gzira kienet lesta u kienet qed tistenna sabiex isir it-tramak. Ix-xhud ikkonferma li fil-15 ta' Mejju 2008, it-triq ma kienetx lesta bit-tarmak. Din tkun lesta minn *type one* u tistenna sabiex isir it-tarmak.

Ix-xhud ra d-dokumenti sussugwenti li jibqghu sejrin sa' fol. 176 tal-atti u kkonferma li huma rapport maghmula minnu, fuq varji spezzjonijiet mizmuma minnu. Meta huwa semma li fil-15 ta' Mejju 2008 it-triq ma kienetx lesta, huwa kien qed jirreferi ghal Triq il-Madonna tal-Gebla, Gzira. Ikkonferma li fl-20 ta' Mejju 2008, it-Triq il-Madonna tal-Gebla, Gzira kienet lesta inkluz it-tarmak. L-ispezzjonijiet li ghamel hu jinsabu inseriti fl-atti

minn fol 108 sa fol 176 u jikkoncernaw spezzjonijiet li ghamel fit-tlett toroq li huma msemmija fit-tender in kwistjoni, li huma Triq Mater Dei, Triq Madonna tal-Gebla, Gzira u triq ohra gewwa Birkirkara. Huwa spjega li meta hemm referenza ghal xi toroq li hemm fid-dokument li huwa esebixxa u jekk mhumiex *underlined*, dan ifisser li effettivament dawk it-toroq ikunu lesti. Per ezempju a fol. 151 li huwa datat 22 ta’ Jannar 2008, kien ghadu ghaddej ix-xoghol fi Triq Mater Dei. Ikkonferma li x-xoghol tat-tender in kwistjoni kien tlesta kollu fl-20 ta’ Mejju 2008.

Semghet lill-partijiet jitrattaw il-kawza u dan fis-seduta tat-22 ta’ April 2015 fejn l-istess partijiet talbu lill-Qorti tghaddi ghas-sentenza taghha.

Ikkunsidrat.

Rat il-verbal tal-Qorti tat-13 ta’ Novembru 2013 a fol. 52 ta’ l-atti fejn l-avukat difensur tal-Awtorita’ intimata rtira t-tieni eccezzjoni tiehu u in oltre dakinhar stess l-avukat difensur tas-socjeta’ attrici talbet korrezzjoni fl-okkju f’isem l-Awtorita’ intimata fejn dik kellha tinqara ‘l-Awtorita ghat-Trasport f’Malta’ liema korrezzjoni ma gietx opposta mill-avukat difensur ta’ l-awtorita intimata stess u li ghalhekk tali talba giet milqugha f’dik l-istess seduta. Konsegwentement l-ewwel zewg eccezzjonijiet gew trattati permezz ta’ dan l-istess verbal.

Jispetta ghalhekk lil din il-Qorti titratta l-eccezzjonijiet dwar il-mertu u cioe’ primarjament hekk hux minnu li s-socjeta’ attrici naqset mill-obbligi kontrattwali taghha. F’kaz li din naqset minn xi obbligu l-istess Awtorita

titlob li jiskattaw il-penali msemmija fil-'*Period Contract for Roads Works Agreement*." In breve l-awtorita temmen li s-socjeta' attrici naqset mill-obbligi taghha meta ma tterminatx ix-xoghlijiet minnha nkarigati skond it-tender mehud minnha fiz-zmien moghti lilha fl-istess tender u ghalhekk titlob li jigu mposti l-penali msemmija fl-istess kuntratt. Jinghad dwar it-talba tas-socjeta' attrici sabiex tithallas is-somma ndikata fir-rikors promotur l-Awtorita' ma tghid xejn fis-sens li ma hiex qed tikkontesta li huma pendenti bhala bilanc favur l-istess socjeta' attrici pero' temmen li m'ghandhiex thallas dan l-ammont peress li s-socjeta' attrici ghandha tigi kkundannata thallas il-penali dovuta skond il-kuntratt.

L-eccezzjoni dwar **inademplenti non est ademplendum** kif imsemmija fit-tielet eccezzjoni.

Illi jigi sottolineat dak stabbilit fis-sentenza fl-ismijiet **"Celestino Muscat vs Giovanni Attard et"** fejn intqal li "il-principju 'inademplenti non est ademplendum' huwa bazat fuq ir-raguni guridika illi jekk wiehed huwa inadempjenti u jivvjola l-obbligi tieghu di fronte ghall-kontraent l-iehor, ikun immorali li huwa jitlob l-applikazzjoni tas-sanzjonijiet kontra dak li ghamel dik il-vjolazzjoni, meta huwa stess isib ruhu fl-istess kondizzjoni, ghaliex da parti tieghu hemm vjolazzjoni ohra tal-kuntratt. Barra dan hemm il-kompensazzjoni ta' vjolazzjoni ma' ohra…"

Illi ssir riferenza ghal dak stabbilit fis-sentenza moghtija fil-11 t'Ottubru, 1966 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet "**Carmelo Cremona vs Victor Angilieri**" fejn intqal li biex l-eccezzjoni ta' "(1) inadempleti contractus" tirnexxi, hemm bzonn "l-inadempjenza ta' l-attur tkun tolqot xi obbligu

tieghu li jkun parti ntegrali mill-ftehim (2) l-inadempjenza trid tkun verament imputabbli lill-attur u (3) irid ikun hemm proporzjonalita bejn l-inadempjenza tal-partijiet". Din is-sentenza segwiet l-argumentazzjoni tal-Qorti tal-Appell, Sede Kummercjali, fil-kawza fl-ismijiet **"Emmanuele Aquilina vs Salvatore Aquilina et"** moghtija fit-12 ta' Marzu, 1965. (Vol. XLIX PI pg. 518) u anke ricentement fis-sentenza moghtija mill-mibki Imhallef Ray Pace fis-sentenza fl-ismijiet **Panta Marketing and Services Limited (C 11244) vs Joseph Brincat (ID. Nru. 550934 M)** deciza 28th June 2011.

Illi anki l-Qorti Taljana ta' Kassazzjoni (27 ta' Settembru, 1999, numru 10668) tispjega li "*nei contratti con prestazioni corrispettive, ove una delle parti giustifichi la propria inadempienza con l'inadempimento dell'altra, il giudice deve procedure alla valutazione comparative dei comportamenti, tenendo conto non solo dell'elemento cronologico ma anche e sopratutto dei rapporti di proporzionalita e corrispettivita esistente tra le prestazioni inadempiute, per stabilire se l'inadempimento o la prospettiva di inadempimento di una parte giustifichi il rifiuto di esecuzione della prestazione dovuta dall'altra; a tal fine il giudice non deve avere riguardo alle sole obbligazioni principali dedotte in contratto (e cioe nell'appalto, il pagamento del compenso, per  il committente ed il compiemnto dell'opera, per l'appaltatore) ma anche a quelle secondary cui le parti, nell'esplicamento delle loro autonomie contrattuale, abbiano attribuito carattere di essenzialia sul piano sinillagmatico…*"

Illi ghalhekk hu necessarju li l-Qorti tara fejn hu n-nuqqas tas-socjeta' attrici u dan sabiex tara jekk l-eccezjoni tal-Awtorita intimata hiex gustifikata jew

le. Jinghad li minkejja n-numru kbir ta’ dokumenti li esebit l-awtorita’ ma esibietx *break down* ta’ kif waslet ghal penali dovuta mis-socjeta’ attrici u ghalhekk din il-Qorti ma tistax tekwilibra jekk l-ammont mitlub mis-socjeta’ attrici jekwivalix ghal dak li qed tippretendi l-awtorita’ intimata. Jekk it-talba tas-socjeta’ intimata hiex gustifikata in toto. L-Awtorita kull ma ghamlet kien li esebiet numru ta’ dokumenti li a bazi taghhom ibbazat it-talba taghha ghall-penali. Pero’ fl-ebda hin ma uriet xi break down salv li qalet li bbazat it-talba ghal penali taghha fuq perjodu ta’ tmien gimghat.

Jinghad pero’ qabel xejn li meta l-Perit Antoinette Conti giet mistoqsija jekk is-socjeta’ attrici kinitx imxiet skond it-titolu ‘Delivery’ klawsola 12 sub inciz (ii) u cioe li f’kaz li l-kuntratur ma hux possibli li jaghmel ix-xoghol fiz-zmien moghti lilu fil-kuntratt huwa ghandu jaghti pre-avviz bil-miktub lill-awtorita bir-ragunijiet tad-dewmien. (Jinghad ukoll li pre-avviz ta’ dan id-dewmien ma jipprekludix lill-awotrita li tenforza xi dritt spettanti lilha skond il-klawsola numru 15). Il-Perit Conti twiegeb fl-affermattiv u ghalhekk l-awtorita kienet konxja tad-dewmien.

Il-Perit Antoinette Conti li hija x-xhud principali tal-Awtorita intimata tghid li hija kienet il-perita li kienet inkarigata mix-xoghol in kwisjtoni tat-tender li rebhet is-socjeta attrici in konnessjonijiet max-xoghlijiet li kellhom isiru in konnessjoni mat-tlett toroq hemm imsemmija. Tghid li kienet baghtet co-ordination letter lill-entitajiet koncernati sabiex tinfurmahom dwar ix-xoghol li kien ser jigi esegwit f’dawn it-toroq u sabiex jekk ikun hemm bzonn ta’ xi xoghol f’dawn it-toroq dawn jaghmlu kuntatt mal-kuntrattur taghhom (is-socjeta attrici) u x-xoghol isir darba. Filfatt kienet infurmat lill-Water Services u l-Enemalta li huma entitajiet tal-Gvern. Fil-kaz tal-Go, Melita u l-

Vodafone tghid li dawn huma entitajiet privati u jekk il-kuntrattur ikollu bzonn jaghmel xi xoghol ghalihom dak kellu jiftiehem maghhom apparti. Meta l-kuntrattur japplika biex jaghmel dawn ix-xogholijiet, din tkun responsabilita' tieghu sabiex jinforma lill-entitajiet sabiex ikun jista jahdem liberalment u ma jolqotx cables. Tichad li ma tatx informazzjoni meta giet rikjesta mis-socjeta' attrici kif del resto stqarr John Mary Vella u tghid li kull meta giet mitluba taghti nformazjoni hija wiegbet mill-ewwel permezz ta' email, l-aktar li damu kien erbat ijiem, u cioe' mill-Hamis filghaxija sat-Tnejn ta' wara filghodu.

Jirrizulta per esempju mill-provi li fix-xahar ta' Ottubru 2007, is-socjeta' attrici kienet baghtet erba' faxes fit-8, fl-10, fit-12 u fil-15 ta' Ottubru u huma wegbuhom kollha permezz ta' fax fis-16 ta' Ottubru. Il-Perita taghmel referenza ghal dawn il-fatti u tghid li b'hekk tkun wegbitu minnufih. Din il-Qorti pero' tara li bejn l-ewwel email datata 8 ta' Ottubru 2007 sakemm il-perita wiegbet u cioe' fis-16 ta' Ottubru 2007 tkun ghaddiet gimgha u ghalhekk ikun minnu li l-awtorita' intimata ma wiegbitx is-socjeta' attrici mill-ewwel. Is-socjeta' attrici tghid ukoll li kienet waqfet mix-xoghol tal-Ambulance Lane Mater Dei ghaliex kien hemm xi kwistjoni tat-traffic lights li kienu qed isiru minn terz. Ix-xhud ghall-ewwel tghid li l-informazzjoni dwar it-*traffic lights* kienet diga ndikata fil-pjanta li giet moghtija lis-socjeta' attrici pero' mbagahd tghid li wegbitu permezz ta' email datata 12 ta' Novembru 2007 hafna aktar wara giet mistoqsija ghal direzzjoni.

Is-socjeta' attrici tghid li huma kienu qed jistennew il-livelli qabel ma jkunu jistghu jghamlu x-xoghol fl-ambulance lane ta' Mater Dei pero l-perita spjegat li huma kienu talbu lill-MEPA ghal tali livelli tat-triq fis-17 ta'

Awwissu 2007 sabiex jaghtuhom il-livelli pero' ma tafx meta tawhom il-livelli ezatt *on site*, pero' normalment il-MEPA jigu fi zmien ragjonevoli. Ghalhekk is-socjeta attrici jidher li ghandha ragun li hija ma setghitx tkompli bix-xoghol ghaliex kienet qed tistenna l-livelli. Pero' wara l-istess perita tghid lill-MEPA ma kellhiex itihom il-livelli tat-triq ghaliex mhix triq residenzjali u l-MEPA tidhol biss fit-toroq residenzjali u ghalhekk jidher li kien hemm disgwid fuq dan il-punt ukoll li ikkreja dewmien mhux attribwibbli lis-socjeta' attrici. Il-Perita tghid li efettivament dwar dan il-punt kienet l-awtorita' li tat il-livelli u allura d-dewmien li kien hemm min-naha tal-awtorita li tghati dawn il-livelli lis-socjeta' attrici fil-bidu meta saret it-talba kien dovut lejn l-istess awtorita' intimata. Hija tipprova tiggustifika d-dewmien li sar b'tort tas-socjeta' attrici aktar tard fix-xhieda taghha ghax tghid li s-socjeta' attrici ghamlet xoghol hazin u dan wara li tipprova tiggustifika d-dewmien.

Dwar kif hadmet il-penali li l-awtorita intimata qed tippretendi tghid li skond il-kuntratt, il-kuntrattur huwa suggett ghal wiehed fil-mija penali fuq ix-xoghol li ma jkunx tlesta fid-*date of completion*. Il-klawsola li tirreferi ghal penali hija 4.13.1 li tinsab a fol 16 tal-process. Hija kkalkulat li effettivament il-kuntrattur kellu jibda x-xogholijiet 26 ta' Settembru 2007, kellu durata ta' 14-il gimgha u ghalhekk il-*completion* kellha tkun fl-ewwel gimgha ta' Jannar 2008. Fil-fatt lesta l-ahhar triq fit-tarmak li hija Triq Madonna tal-Gebla, Gzira fl-20 ta' Mejju 2008. Tghid li mhix qed tiehu in konsiderazzjoni li sa Lulju 2008, il-kuntrattur kien ghadu qieghed jaghmel ir-*remedial works*, billi qalghu l-asfalt il-hazin u ghamlu x-xoghol mill-gdid, u ghalhekk minn Jannar sa Mejju kien hemm dewmien ta' ghoxrin gimgha.

Jinghad li arbitrio boni viri l-istess perita naqqset gimghatejn allowance ghax-xogholijiet tal-Water Services Corporation li originarjament ma kienux fit-tender, il-gimghatejn shutdown ghalkemm ma kellhiex ghalfejn taghmel hekk, kif ukoll erba’ gimghat ohra peress li kien hemm xi *variations* jew *change orders* fil-lane tal-ambulance.

Tghid li hadmet is-somma fuq tnax-il gimgha *times* l-ammont tax-xoghol li kien ghadu ma lestiex. Hija hadet in kunsiderazzjoni l-value tal-flus dovuti mill-ewwel gimgha ta’ Jannar sa’ l-20 ta’ Mejju 2008, jigifieri l-kalkoli tal-one per cent saret fuq xi €89,000. Illi pero’ prova dwar ix-xoghol li kien ghadu ma tlestiex jew ahjar il-valur tieghu ma ngabitx. Il-Qorti ghandha biss il-kelma tal-perita dwar dan.

Mistoqsi jekk haditx in kunsiderazzjoni l-fatt li dak iz-zmien kien hemm hafna xita wiegbet li x-xita kollha li nizlet wara Jannar ma kellhiex taffetwa l-kuntratt taghhom, ghax dawk fil-fatt kienu delays tal-istess kuntrattur, ghalhekk ma hadithomx  in kunsiderazzjoni. Dwar dan l-argument din il-Qorti ma taqbilx ghaliex effettivament hi stess li tammetti li kien hemm delays li kienu gustifikati bhal dawk in konnessjoni mal-water services corporation u tax-shut down u ghalhekk il-granet tax-xita wkoll kellhom jittiehdu in konsiderazzjoni fil-kalkolu li sar. Tghid li hija ma marritx on site kuljum izda strahet fuq ir rapport tal-field officer pero. Minn esami ta’ dawk ir-reports esbiti fl-atti ma jirrizultax bi precisjoni liema huma dawk il-granet fejn kien hemm maltemp u prova mill-ufficcju meterologiku ma ngabitx.

Il-Perita qalet ukoll li kien hemm xi incident awtomobilistku li sehh fl-ambulance lane fejn l-awtorita giet ikkundannat thallas l-ammont ta’

€2,985.65 ghaliex kien hemm xi karozzi li dahlu f'dawn it-trinek li kienu miftuha u kissru l-karozza. Jonathon Vella pero' jghid li din is-somma thallset ghaliex kien hemm min kien dahal fil-*pelican lights* installati fi Triq Mater Dei u dawn il-lights ma gewx imwahla mis-socjeta' attrici. Tghid li huma hallsu lil dawn in-nies ghaliex fil-fehma taghhom it-talba taghhom kienet gusitifkata u ghal darb'ohra naqsuha minn dak dovut lill-kuntrattur. Tghid li hija kienet talbet lis-socjeta' attrici sabiex taghmel re-instatement ta' din it-trinka fejn sehh l-incident pero' s-socjeta' attrici ma kienitx ghamlet dan ix-xoghol. Dettalji dwar dan l-incident u cioe' min kien involut, il-jum ta' meta sehh dan l-allegat incident u fatti simili ma gewx provati u ghalhekk din il-Qorti ma tistax toqghod biss fuq it-twemmin tal-awtorita' intimata li hasbet li l-persuni li kissru l-vettura taghhom kellhom ragun ifittxu ghal hsara li sofrew. Dan hu apprezzament li kellha taghmel din il-Qorti minn rajha sabiex tasal biex tirriduci t-talba li qed tippretendi s-socjeta' attrici.

Is-socjeta' attrici tghid li l-perit ma kienitx taghti risposti ghat-talbiet taghhom u l-perit tghid fix-xhieda taghha tat-2 ta' Frar 2014 tghid li kien ikun hemm rapprezentanza ta' Transport Malta b'mod regolari *on site* u naturalment kienu jaghtu certu direzzjoni waqt li jkunu *on site* pero' min kien din il-persuna li kienet taghti l-istruzzjonijiet u x'istruzzjonijiet giet mitluba sabiex taghti u liema effettivament tat ma jirrizultax lanqas mill-process.

Is-socjeta attrici tghid ukoll li kien hemm kwistjoni ta' sigra tal-harruba li kienet f'tarf it-triq u cioe' propju f'dik il-parti li ma kinetx ghadha ffurmata u

huma ghalhekk dawru din is-sigra b'cint. Tghid li fl-ebda hin ma huma taw istruzzjonijiet lis-socjeta' attrici x'kellhom jaghmlu bis-sigra.

Il-Perit ta' l-awtorita intimata tghid li kien hemm drabi meta x-xoghol li ghamlet is-socjeta' attrici kien hazin u kellu jinqala' u jsir mill-gdid pero' provi dwar dan ma resqitx u ghalhekk zgur li din il-Qorti ma tistax taccetta affermazzjoni bhal din bla ma hi bazata fuq dokumenti.

Is-socjeta' attrici tghid ukoll li dak iz-zmien meta kien qed isir ix-xoghol kien hemm kwistjoni dwar ir-rati li kient intitolata ghalihom dwar it-tarmac ghaliex kien hemm diversi *complaints* mal-FOI minn varji kuntratturi dwar it-tibdil fir-rati tat-tarmac. Huwa minnu li kienu ghaddejjin tahditiet mal-FOI pero cio' nonostante s-socjeta' attrici ma setghetx tkompli tahdem bla ma taf jekk hiex ser tithallas tax-xoghol li kienet qed taghmel skond ir-rati l-godda. Dan l-Awtorita kienet tafu ghax hemm korrispondenza ndirizzata lilha f'dan ir-rigward.

Illi ghalhekk zgur li jirrizulta li effettivament dan id-dewmien li kien hemm fix-xoghol li ghamlet is-socjeta attrici ma kienx wiehed kappricuz izda hafna minnhom ghalkemm mhux kollha huma bazati fuq premessi li huma legittimi fic-cirkostanzi.

Illi s-socjeta' attrici qed titlob li tithallas lilha il-penali skond il-kuntratt. Referenza ghal dawn il-penali ssir fil-kuntratt esebit u mmarkat bhala Dok A1 u appuntu ghall-paragrafu enumerat 14. Fis-sub inciz (i) jinghad is-segwenti:

"*Without prejudice to the Authority's right to dissolve the contract ipso iure, failure to deliver the goods and/or perform the work within the Contract Term shall in addition to any liabilities incurred by the contractor under these conditions and/or the Contract, render the Contractor liable by way of penalty to a deduction from the contract sum of 1% per week unless the Authority after having been notified by the Contractor as provided in clause 12 (ii) is of the opinion that such delay has arisen from causes which were unavoidable and could not be foreseen or overcome by the contractor . In such case the Authority shall decide the extent if any of the deduction*."

Jidher skond ix-xhieda tal-perit Conti li l-penali li qed tippretendi l-Awtorita hija dik naxxenti skond din il-klawsola. Illi ghalhekk din il-klawsola tipprovdi l-kundizzjoni taht liema l-Awtorita tista titlob il-penali u l-modalita ta' kif ghandha tigi likwidata s-somma talvolta tkun dovuta. Jinghad li l-Awtorita fl-ebda hin ma semmiet xi valuri tax-xgohol u ghalhekk kif waslet biex tahdem il-*1% per week* ma jirriultax mill-atti processwali. In oltre dan l-artikolu jistipula li l-penali jkunu dovuti una volta ma jirizultax li "*the delays had arisen from causes which were unavoidable and could not be foreseen or overcome by the contractor*."

Fil-fehma tal-Qorti wara li esaminat id-dokumenti kollha esebiti fosthom l-iskambju ta' diversi korrispondenza issib li hafna mill-ilmenti tas-socjeta attrici ma kienux jigu indirizzati fi zmien qasir u hafna mill problemi li kellha ma kienux attribwibbli lejn xi nuqqas flagranti taghha. Oltre dan id-decisjoni arbitrarja li l-Awtorita tnaqqas l-ammont ta' flus li hija hallset lil terzi minhabba accident li allegatament sehh mhix accetabbli molto piu meta tqis

li s-socjeta' attrici la kienet taf b'dan l-incident u lanqas kienet parti mill-iskambju ta' ittri li ghaddew. Dan zgur li mhux accettabli.

Ghandu jigi sottolineat illi la darba d-danni huma kontrattwali, l-iskop taghhom irid ikun dak li jaghmlu tajjeb ghall-hsara li l-parti kontraenti mgarrba turi li baghtiet minhabba l-ksur kontrattwali tal-parti l-ohra, u m`ghandhomx ikunu ghodda ta` kastig jew penali kontra dik il-parti inadempjenti u lanqas okkazjoni ghall-parti koncernata li tarrikkixxi ruhha bi hsara tal-parti inadempjenti ["**Calleja noe vs Mamo pro et noe**" – Appell Kummercjali – 15 ta` Dicembru 1952 - Kollez. Vol. XXXIV.I.367]. Inoltre l-parti danneggjata ghandha d-dmir li tiehu l-passi mehtiega biex tnaqqas kemm jista` jkun dak id-dannu jew tal-anqas ma taghmlux aghar ["**Xuereb vs Livick**" – Appell Inferjuri – 3 ta` Novembru 1956 - Kollez. Vol. XL.I.63].

Issa fil-kaz in desamina jidher li l-Awtorita ma ntavolat l-ebda kawza fejn allegat li hija soffriet xi danni u lanqas stqarret li sofriet xi danni fir-risposta li l-Awtorita intimata ppresentat ghat-talba tar-rikorrenti qabel ma ghamlet din it-talba ghal penali.

**Ghalhekk f'dawn ic-cirkostanzi kif fuq imsemmija jidher li t-talba attici hija gustifikata u ghalhekk filwaqt li qieghda tilqa' t-talba taghha qieghda tikkundanna lill-Awtorita' intimata sabiex thallas lis-socjeta' rikorrenti s-somma mitluba fir-rikors promotur u cioe' s-somma ta' ghaxart elef tlett mija u tnejn u ghoxrin ewro u sebgha u erbghin ewro centezmi (€10,322.47) u tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' l-ewwel zewg eccezzjonijiet ta' l-Awtorita' intimata stante li l-partijiet irregolaw ruhhom fl-atti u tichad l-eccezzjonijiet l-ohra.**

**L-ispejjez ta' din il-procedura ghandha tigi assorbita mill-awtorita' intimata inkluz dawk tal-ittri legali datati 18 ta' Gunju 2012 u 22 ta' Ottubru 2012, kif ukoll tal-ittra ufficjali ai termini tal-Artikolu 166A tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta bin-numru 1550/2013 u datata 8 ta' Lulju 2013.**

**L-imghax fuq is-somma ghandha tibda tiddekorri mid-data ta' meta' l-ittra ufficcjali numru 1550/2013 giet notifikata lill-Awtorita' intimata.**

## < Sentenza Finali >

-------------------------------TMIEM--------------------------------